MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 381/2015 LM

**Angelo sive Lino Agius eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Power Boat Rides**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Ian Muscat**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Ian Muscat (K.I. 245278M),** hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tat-8 ta' April, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha sollevati minnu għat-talbiet tal-attur **Angelo sive Lino Agius**

**eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Power Boat Rides** [minn issa 'il quddiem 'l-appellat']; laqgħet it-talba prinċipali tal-attur, u kkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' disat elef u erba' mitt Euro (€9,400) bl-imgħax b'effett mit-3 ta' Novembru, 2015. Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, li ressaq pretensjoni ta' kreditu dovut lilu mill-attur, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenut, ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali, u ddikjarat li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-konvenut.

## Fatti

2. Permezz tal-proċeduri istitwiti minnu quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' disat elef, u erba' mitt Euro (€9,400) allegatament dovuti lilu relattivament għall-prezz tan-negozju u attrezzatura li l-partijiet kellhom bejniethom f'ħanut ġewwa San Ġiljan. Għal din it-talba tal-attur, il-konvenut laqa' permezz ta' kontro-talba, fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-attur iħallsu l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) allegatament dovuti lilu mill-attur relattivament ma' negozju ieħor li l-partijiet kellhom bejniethom.

## Mertu

3. L-attur spjega li l-konvenut naqas milli jħallas l-ammont dovut minnu minkejja li ġie interpellat jersaq għall-ħlas diversi drabi. Dan wara li l-attur ħareġ flus għal diversi attrezzaturi u oġġetti li ntużaw mill-partijiet f'*bar* li kienu

jiġġestixxu flimkien ġewwa San Ġiljan, f'fond li huwa proprjetà ta' missier il-konvenut.

4. Il-konvenut wieġeb li preliminarjament it-talba tal-attur hija nulla għaliex din kellha tiġi ppreżentata permezz ta' rikors. Eċċepixxa wkoll li huwa m'għandux relazzjoni ġuridika ma' Power Boat Rides Malta, li f'isimha ġew istitwiti dawn il-proċeduri, u li hu lanqas m'huwa debitur fil-konfront tal-attur. Il-konvenut qal li kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, huwa l-attur li huwa debitur fil-konfront tiegħu, u għalhekk huwa qiegħed jippreżenta kontro-talba kontestwalment mar-risposta tiegħu. Il-konvenut qal li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

5. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mar-risposta tiegħu, il-konvenut spjega li l-attur għandu jħallsu s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) għal negozju, xogħol, materjal, merkanzija, u sehmu mill-istess ftehim tan-negozju li l-partijiet kellhom bejniethom, kif ukoll għall-kera ta' garaxx li l-partijiet kellhom ġewwa Ħaż-Żebbuġ, għall-flus li allegatament l-attur daħħal mill-*isponsorship* tax-xarba Go and Fun, li r-reklami tagħha kienu jidhru fuq id-dgħajsa tal-attur, għall-flus tax-xogħol li għamel il-konvenut, għall-flus li ħallas hu għan-nom tal-attur, kif ukoll flus oħra dovuti għall-materjal u għall-pagi b'rabta man-negozju tal-operat tad-dgħajjes. Fil-kontro-talba tiegħu, il-konvenut spjega li huwa qiegħed jitlob lill-Ewwel Qorti tiddikjara li l-attur għandu jħallsu l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000), kif ukoll għandha tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont.

6. L-attur **Angelo Agius**, fl-*affidavit* tiegħu xehed li huwa kien ilu sitt snin fin-negozju tal-opri tal-baħar, u jaħdem bħala *self-employed sole trader,* taħt l-isem 'Power Boat Rides Malta'. Qal iżda li kemm l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, kif ukoll il-proċeduri odjerni ġew istitwiti f'ismu personali. Qal li hu u l-konvenut kienu jaħdmu bi sħab, u bejniethom kellhom anki ftehim bil-miktub, li ġie ffirmat fil-preżenza ta' ċertu Julian Muscat, li kien iżommilhom l-*accounts,* u li huwa qarib tal-konvenut, liema ftehim kien jgħid li l-partijiet kellhom jibqgħu sidien tad-dgħajjes tagħhom, iżda li l-ispejjeż li jagħmlu kellhom jinqatgħu mid-dħul, u dak li jifdal jinqasam bejn it-tnejn. Spjega li n-negozju kien jinvolvi l-ġarr ta' klijenti fuq il-baħar bid-dgħajjes bejn San Ġiljan u Kemmuna. L-attur qal li l-partijiet għamlu żewġt isjuf jaħdmu b'dan il-mod bejniethom, jiġifieri s-sajf tal-2012 u tal-2013. Qal li l-*accounts* kienu jinżammu minn Julian Muscat, u l-partijiet kienu jieħdu paga indaqs, u wara li jaqtgħu l-pagi tal-ħaddiema, l-ispejjeż tal-*fuel* u xi spejjeż oħra li kien ikun hemm, dak li kien jifdal fl-aħħar tal-istaġun kienu jaqsmuh bejniethom. L-attur kompla jgħid li fit-tieni sena huma kabbru n-negozju wara li ħadu *bar* bejniethom, għalkemm kollox kien fuq isem il-konvenut, għaliex l-proprjetarju tal-*bar* kien missier il-konvenut stess, ċertu Tony Muscat. L-attur kompla jgħid li meta huma bdew jiġġestixxu dan il-*bar,* il-fond ma kienx *bar* iżda garaxx ġewwa San Ġiljan, u hu ħareġ somom kbar ta' flus sabiex dan il-post seta' jiġi rranġat bħala *bar.* Qal li wara li l-*bar* tlesta, huma fetħuh proprju fil-ġimgħa tal-festa ta' San Ġiljan, u dan il-*bar* bl-isem 'Happy Dayz' għadu miftuħ sal-lum. Qal li fl-2013, il-*bar* kien baqa' miftuħ sa Novembru, u wara ngħalaq sabiex jerġa' jinfetaħ fis-sajf ta' wara, iżda qal li l-partijiet kienu ddeċidew bejniethom li wara li jingħalaq il-*bar* f'Novembru ma jkomplux jaħdmu bi sħab. Qal ukoll li peress li l-*bar* kien

proprjetà ta' missier il-konvenut, dan kellu jżomm il-*bar* hu, iżda kellu jħallas lill-attur għall-ispejjeż li dan kien għamel. Qal li wara Novembru, il-konvenut siefer għal xahrejn, u l-konteġġi saru minn Julian Muscat meta l-konvenut irritorna lura Malta. Qal li minn dawn il-konteġġi rriżulta li l-konvenut kellu jħallas lill-attur is-somma ta' €10,490, liema somma tnizzlet b'€1,000 għaliex il-partijiet kienu jikru garaxx bejniethom, u kien hemm terz li kellu jħallashom talli kien jagħmel użu minn dan il-garaxx huwa wkoll. Żied jgħid li fir-realtà huwa qatt ma ġabar il-flus li kienu dovuti mingħand dan it-terz, għaliex l-affarijiet li dan kellu fil-garaxx tneħħew mill-konvenut, u għalhekk dan it-terz baqa' ma ħallas xejn talli għamel żmien jokkupa dan il-garaxx. L-attur qal ukoll li l-ammont li suppost għandu jħallsu l-konvenut huwa ta' €10,490 u mhux ta' €9,490 minħabba li huwa baqa' ma ġabarx l-€1,000 li kellu jiġbor mingħand it-terz identifikat bħala Ralph Marshall. L-attur qal li huwa dam jiġri wara l-konvenut madwar erba' xhur sabiex dawn jiffinalizzaw il-ftehim, u fl-aħħar kienu ltaqgħu fil-preżenza ta' Julian Muscat u ta' bint l-attur Lourde Marie Agius sabiex jiftiehmu dwar l-ammont li kellu jħallas il-konvenut. Qal li Julian Muscat ħejja żewġ dokumenti, li ġew iffirmati mill-partijiet u minn Julian Muscat innifsu, u kull parti żammet kopja ta' dan il-ftehim. L-attur qal li wara xi żmien huwa kien tkellem ma' ċertu Charles Spiteri, li jaħdem bħala *financial controller*, sabiex iħejji l-iskrittura li huwa kien iddeċieda li jibgħat lill-konvenut, iżda żied jgħid li l-konvenut baqa' jirrifjuta li jiffirmaha. Qal illi s-somma dovuta kellha titħallas lilu mill-konvenut sal-aħħar ta' Ottubru, 2014. Qal li meta wasal iż-żmien li jiġbor flusu, huwa beda jċempel lill-konvenut li beda jinjorah, u sussegwentement kien iddeċieda li jmur ikellmu fil-*bar.* Qal li l-konvenut beda jgħidlu li ma kellux flus u li ma kellux minn fejn iħallsu, iżda qatt ma qallu li ma kellux jagħti jew li kellu jiġbor xi flus

mingħand l-attur. L-attur qal li l-konvenut kien offrielu *jet ski* bħala ħlas, iżda hu kien irrifjutah għaliex dan kien mingħajr liċenzja, u l-attur minflok kien issuġġerixxa li jingħata mutur tal-baħar Yamaha 250, iżda l-konvenut irrifjuta li jagħtihulu. L-attur qal li kien hemm drabi oħra meta huwa mar ikellem lill-konvenut u jitolbu ħlas, iżda dan baqa' jinjorah jew jgħidlu li m'għandux flus. Qal li kien għalhekk li huwa ma kellux triq oħra għajr li jipproċedi, l-ewwel billi bagħat ittra legali lill-konvenut *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12, u sussegwentement kien kostrett li jiftaħ din il-kawża. L-attur qal li s-somma intiera ta' €10,490 għadha dovuta kollha għaliex il-konvenut ma ħallas xejn minn dak dovut minnu, u kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenut, hu m'għandu jħallsu xejn.

7. **Lourde Marie Agius** fl-*affidavit* tagħha qalet li hija taf li missierha kien jaħdem bi sħab ma' ċertu Ian Muscat, u fis-sajf hija ġieli marret tgħin fuq id-dgħajjes. Qalet li wara li ma baqgħux sħab, missierha kien dam jiġri ħafna wara Muscat sabiex dawn jagħmlu l-kontijiet, u meta finalment dawn iltaqgħu, hija kienet akkumpanjat lil missierha. Qalet li l-laqgħa saret fil-*bar* 'Happy Dayz' f'San Ġiljan, u għal din il-laqgħa kienu preżenti x-xhud, il-partijiet, u Julian Muscat, li kien iżommilhom il-kotba. Qalet li wara li tkellmu ftit, Ian Muscat kien qabel fuq ammont li kellu jħallas lil missierha. Ix-xhud qalet li b'kollox saru żewġ skritturi bħal xulxin, u kull wieħed mill-partijiet ħa kopja.

8. **Julian Muscat** xehed quddiem l-Ewwel Qorti li huwa jaf lill-partijiet għaliex il-konvenut huwa kuġin tiegħu, u huwa ġieli assistih fiż-żamma tal-karti tan-negozju. Kompla jgħid li kien hemm żmien meta l-partijiet kienu sħab, u

għalhekk huwa sar jaf lill-attur ukoll. Qal li huwa jaf li l-partijiet għamlu xi żmien bin-negozju tad-dgħajjes bejniethom, u meta eventwalment ma baqgħux b'dan in-negozju, huwa kien għenhom fil-konteġġi. Ix-xhud qal li huwa jaf li kien hemm bilanċ dovut lill-attur, u skont il-konteġġi oriġinali li saru, dawn kienu jammontaw għal madwar erbat elef Euro (€4,000), imma sussegwentement l-attur kien qal li kellu jieħu disat elef u erba' mitt Euro (€9,400). Qal li mid-dokumentazzjoni mgħoddija lilu, huwa jista' jgħid li għad hemm pendenzi bejn il-partijiet, u li kien hemm ukoll kwistjonijiet li baqgħu ma ngħalqux bejniethom, fosthom nuqqas ta' qbil dwar il-paga ta' wieħed mill-impjegati. Ix-xhud qal li f'perijodu minnhom il-partijiet kienu jħaddmu dgħajsa li kienet tbiegħ il-ġelati, u meta l-konvenut talab informazzjoni dwar l-*accounts* ta' din il-parti tan-negozju, l-attur ma tahx informazzjoni, iżda qal biss li kienu ġew *break even.* Ix-xhud qal li l-partijiet ma qablux bejniethom dwar effettivament x'kellu jieħu kull parti, u l-konvenut ma riedx jiffirma dan il-ftehim fin-nuqqas ta' qbil dwar il-konteġġi. Kompla jgħid li dakinhar li l-partijiet iltaqgħu fil-preżenza tiegħu, l-attur baqa' jinsisti li ried li l-laqgħa tingħalaq dakinhar, u ma riedx jitlaq qabel il-konvenut ikun iffirma d-dokument bl-ammont allegatament dovut lilu. Ix-xhud qal li safejn jaf hu, il-partijiet għad iridu jiddiskutu dwar il-pendenzi li hemm bejniethom. Ix-xhud qal li meta huwa ffirma id-dokument, dan għamlu mhux għax qabel mal-kontenut tiegħu, imma biss bħala xhud tal-firma.

9. Il-konvenut **Ian Muscat** fix-xhieda tiegħu qal li hu u l-attur għamlu madwar sentejn sħab f'negozju ta' ġarr tat-turisti bid-dgħajjes bejn San Ġiljan u Kemmuna. Qal li għall-ewwel sena l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-attur kellu jieħu 40% tad-dħul, filwaqt li l-konvenut kellu jieħu 60%, iżda għal xi raġuni dan

il-ftehim ma ħadimx. Il-konvenut qal li wara l-ewwel sajf, l-attur kien xtara *speedboat* oħra mingħajr ma infurmah jew staqsieh jekk xtaqx jixtriha bi sħab miegħu, u wara li xtraha kien qallu li setgħu jaħdmu nofs bin-nofs. Qal li meta huma waslu biex jagħlqu l-kontijiet, l-attur ippreżentalu għadd ta' dokumenti dwar dak li fil-fehma tiegħu kellu jieħu, iżda l-konvenut qal li kien għad fadal numru ta' pendenzi bejn il-partijiet. Qal ukoll li l-affarijiet li għad iridu jiġu diskussi, għandhom jitnaqqsu mill-ammont li qiegħed jippretendi l-attur. Il-konvenut qal li hu u l-attur kellhom bejniethom dgħajsa li minnha kienu jbiegħu l-ġelat, u l-*accounts* tagħha baqgħu ma ġewx ippreżentati, għalkemm l-attur kien qallu li kienu ġew '*break even*'. Qal ukoll li huma kellhom *sponsorship* tal-Go and Fun, iżda huwa qatt ma ra l-kuntratt tiegħu. Il-konvenut qal li mill-*accounts* jidher li huwa ħa madwar tliet elef Euro (€3,000), iżda fil-fatt huwa ma kien ħa xejn. Qal ukoll li f'kont bankarju miżmum bejn il-partijiet kien hemm ħmistax-il elf Euro (€15,000), iżda huwa ma jafx dawn il-flus fejn spiċċaw. Qal li l-unika ħaġa li jaf hija li kellhom jagħmlu *service* ta' xi magni, u l-attur kien talbu jiffirma ċekk, iżda kien qallu li ma kienx jaf l-ammont li kellu jitħallas lill-mekkanik kemm kien. Il-konvenut qal li bħala impjegat magħhom kellhom lil ċertu Ryan Micallef, li darba minnhom infurmah li ma kienx fi ħsiebu jmur aktar ix-xogħol għaliex kien qiegħed jitħallas b'rata anqas minn dik miftiehma miegħu, filwaqt li l-attur kien qiegħed iżomm id-differenza għalih. Qal ukoll li l-partijiet għad iridu jilħqu ftehim bejniethom dwar il-kirja tal-garaxxijiet.

10. Meta xehed in kontro-eżami, il-konvenut qal li l-attur kien ikun irid iħaddem lil ibnu u lil ħabib tiegħu fuq id-dgħajjes, u huwa ma kienx qiegħed jaqbel dwar il-ħlas ta' dawn in-nies. Qal li huwa qatt ma kien ikun irid li jkun

hemm xi ħadd jassistih fuq id-dgħajjes. Qal li d-diskrepanza fis-salarju bejn dak miftiehem ma' Ryan Micallef u dak li attwalment kien qiegħed jitħallas lilu, kienet qiegħda tinżamm mill-attur.

11. L-attur xehed in subizzjoni, fejn ikkonferma li l-partijiet kellhom bejniethom negozju ta' dgħajjes fis-snin 2012 u 2013. Qal li l-kotba tan-negozju kien jieħu ħsiebhom Julian Muscat, filwaqt li l-partijiet kienu jaqsmu bejniethom kemm il-profitti kif ukoll l-ispejjeż tan-negozju. Żied jgħid li fl-ewwel sena il-konvenut kellu jieħu sittin fil-mija, u huwa kellu jieħu erbgħin fil-mija tal-profitti, filwaqt li l-ftehim kien li fit-tieni sena huma jaqsmu bin-nofs. Żied jgħid li fit-tieni sena huma fetħu wkoll *bar* fil-bajja ta' San Ġiljan, u kien hu li ffinanzja l-arredament tiegħu. Qal li fl-2013 huma waqfu min-negozju tad-dgħajjes, filwaqt li l-ħanut kien fuq isem l-konvenut. Qal li l-konvenut ried iżomm il-ħanut hu, filwaqt li lilu ried jagħtih l-affarijiet li kien xtara għal ġo fih. Qal li l-kotba fir-rigward tan-negozju tad-dgħajjes kienu ġew magħluqa, iżda li l-konvenut kien għad irid iħallsu tal-affarijiet li kien xtara għall-*bar.* Żied jgħid li l-ftehim ta' bejniethom kien jistipula li kull wieħed minnhom kellu jibqa' proprjetarju ta' waħda mid-dgħajjes, sabiex ħadd minnhom ma jkollu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tad-dgħajsa tal-ieħor, filwaqt li kienu jaqsmu bejniethom biss l-ispejjeż tal-petrol u l-flus li kienu jdaħħlu mit-turisti. Kompla jgħid li fuq id-dgħajjes kien hemm reklam tax-xarba Go and Fun, li kien jitħallas lilu għaliex id-dgħajsa kienet tiegħu, u żied jgħid li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim dwar il-flus ta' dan l-*isponsor* kif kellhom jinqasmu. L-attur qal li lanqas ma kien hemm ftehim bejniethom dwar il-bejgħ tal-ġelati minn fuq id-dgħajjes. Kompla jgħid li l-partijiet krew garaxx ġewwa Ħaż-Żebbuġ li kienu jħallsu tiegħu nofs bin-nofs,

iżda li imbagħad spiċċa jħallas il-kera tiegħu il-konvenut għaliex kien żammu għalih. Qal li l-garaxx ma kinux idaħħlu flus minnu, iżda kienu jużawh sabiex fih idaħħlu d-dgħajjes tagħhom. L-attur ikkonferma li impjegat magħhom kien hemm ċertu Ryan Micallef, li kien jaħdem miegħu biss u mhux mal-konvenut, u qal li dan kien jitħallas meta jaħdem. L-attur qal li l-flus minn dan in-negozju kienu jiġu ddepożitati fil-bank HSBC f'kont konġunt bejn il-partijiet, u l-karti tan-negozju kienu jinżammu minn Julian Muscat. Qal li meta hu kien imur jixtri xi ħaġa, kien iġib *invoice* u tiddaħħal fil-kont u abbinat ma' dan il-kont kien hemm *cheque book,* u ċ-ċekkijiet kellhom jiġu ffirmati miż-żewġ partijiet. Qal li l-flus li ġew iddepożitati f'dan il-kont ġew użati għax-xogħol, u r-*records* kienu jinżammu minn Julian Muscat. L-attur qal li huwa ma jafx kemm kien il-bilanċ fil-kont bankarju qabel dan ingħalaq, u l-flus li huwa għandu jieħu mingħand il-konvenut mhumiex flus rigward ix-xogħol tad-dgħajjes, imma flus li huwa għandu jieħu mingħand il-konvenut rigward l-attrezzatura tal-ħanut.

12. **Anthony Muscat** fix-xhieda tiegħu qal li huwa jiġi missier il-konvenut. Qal li huwa jaf li ibnu kellu ftehim mal-attur li l-profitti min-negozju tal-ġarr bid-dgħajjes lejn Kemmuna kellu jinqasam bejniethom wara li dawn jaqsmu l-ispejjeż u jħallsu lill-ħaddiema. Qal li fl-ewwel sena, ibnu kellu 60% tal-profitti filwaqt li l-attur kellu 40%, u fit-tieni sena dawn kellhom jibdew jaqsmu l-profitti bin-nofs. Qal li l-partijiet waqfu jaħdmu flimkien fl-2013, iżda qal li dawn ma spiċċawx fuq nota tajba, u l-konvenut aċċetta li jiltaqa' mal-attur u ffirmalu karta dwar flus li l-konvenut kien għad irid iħallas lill-attur, iżda l-attur m'għamilx l-istess fir-rigward ta' flus li kellu jħallas lill-konvenut. Qal li għalhekk l-attur ittradixxa lil ibnu, u sal-lum dan għad irid iħallsu madwar €15,000 li baqgħu

dovuta lil ibnu. Qal li l-attur naqas milli jiltaqa' ma' ibnu sabiex jiffirmalu karta dwar dak li kellu jtih, u minkejja li ibnu iffirma dokument fir-rigward tal-krediti pretiżi mill-attur, kien għad hemm diversi pendenzi bejn il-partijiet fir-rigward ta' konteġġi li għadhom ma ngħalqux bejniethom. Ix-xhud qal li meta staqsa lil ibnu dwar għalfejn kien iffirma l-karta lill-attur, dan kien qallu li kien ħassu mġiegħel li jiffirma, u dak iż-żmien kien għaddej minn dipressjoni. Qal li l-fond minn fejn il-partijiet kienu jiġġestixxu l-*bar,* huwa tiegħu u kienu l-partijiet li ħarġu l-flus bejniethom sabiex jirranġaw dan il-*bar.* Qal li mhux minnu li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-flus li jdaħħlu mill-bejgħ tal-ġelati ma kellhomx jinqasmu, jew li l-flus tal-*isponsorship* tal-Go and Fun ma kellhomx jinqasmu. Qal li ibnu għadu ma ħallasx lill-attur għaliex bejn il-partijiet għad hemm konteġġi li għadhom ma ngħalqux._Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, dan ix-xhud qal li huwa la kien sħab u lanqas ma kien impjegat tal-partijiet. Qal li huwa qatt ma ntalab iżommilhom il-kontijiet jew jieħu ħsieb iżomm *record* tal-merkanzija li kienu jbiegħu, jew ta' kemm-il vjaġġ kienu jagħmlu bid-dgħajjes. Qal li huwa jaf li l-attur kellu jagħti €15,000 lil ibnu għaliex sema' lil ibnu jgħid dan.

13. **Alison Mifsud Brimmer** in rappreżentanza tal-bank HSBC Malta plc, xehdet dwar il-kont bankarju li l-partijiet kienu jżommu b'mod konġunt bejniethom, u qalet li dan il-kont infetaħ fis-27 ta' Lulju, 2012 u ingħalaq fit-13 ta' Mejju, 2015. Din ix-xhud ippreżentat diversi *statements* bankarji.

14. **Marvin Sapiano** in rappreżentanza tas-soċjetà Alf. Mizzi & Sons Marketing Limited, xehed li l-bejgħ ta' ġelati mill-kumpannija rappreżentata minnu sar lill-attur, li kien direttur ta' B. Marine Services Limited. Kompla jgħid

li fis-sena 2013 kien hemm bejgħ ta' €8,389 fi prodotti tal-ġelat lil din il-kumpannija tal-attur.

15. **Ryan Micallef** fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien jaħdem mal-attur Angelo Agius, bħala kaptan tad-dgħajjes. Qal li huwa kien impjegat mal-attur fuq bażi *full-time,* għalkemm ikkonferma li kien hemm snin meta dan kien bi sħab mal-konvenut.

16. **Etienne Muscat**, ħu l-konvenut, xehed li huwa jaf bin-negozju li ħuh kellu mal-attur. Qal li huwa jagħmel xogħol ta' *fibre-glass* għad-dgħajjes, u dak iż-żmien kien għamel xi xogħol sabiex jimmodifika s-*seats* tad-dgħajjes li kienu jaħdmu bihom il-partijiet. Qal li għal dan ix-xogħol huwa tħallas mingħand ħuh, minkejja li l-ftehim li kellhom il-partijiet kien jgħid li huma kellhom iħallsu nofs bin-nofs għal dan ix-xogħol. Qal li safejn jaf hu l-attur għadu ma ħallas xejn, la għall-materjal u lanqas għax-xogħol li sar fuq id-dgħajjes. Qal li meta n-negozju ta' bejn il-partijiet kien spiċċa, l-attur mar fil-garaxx u ħa xi affarijiet li kienu ta' ħuh, inkluż il-forma li kienet tintuża minnu sabiex isiru dawn is-*seats.* Qal li huwa wkoll kellu xi għodda u affarijiet oħra tiegħu f'dan il-garaxx li ma baqgħux hemm wara li n-negozju ta' bejn il-partijiet kien sfaxxat. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li uħud minn dawn il-*bucket seats* twaħħlu fuq waħda mid-dgħajjes tal-attur. Qal ukoll li meta sab l-affarijiet tiegħu neqsin mill-garaxx li l-partijiet kellhom Ħaż-Żebbuġ, huwa ma kien għamel l-ebda rapport. Ix-xhud qal li huwa sar jaf li l-attur għad għandu jagħti €15,000 lil ħuh għaliex kien qallu ħuh b'dan.

17. **Sergio Sciberras**, aġent ta' Go and Fun Energy Drink Limited, xehed li huwa kien jaf lill-attur, u dan kien jirreklama l-prodott Go and Fun fuq id-dgħajjes tiegħu. Qal li huwa ma kienx iħallsu għal dawn ir-reklami, iżda kien jagħtih xi prodotti sabiex ikun jista' jagħtihom b'xejn lill-persuni li jitilgħu fuq id-dgħajjes tiegħu. Qal li dan l-arranġament dam għaddej madwar tliet snin, u huwa qatt ma ħallas flus għal dawn ir-reklami.

## Is-Sentenza Appellata

18. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' April, 2021, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati minnu, filwaqt li laqgħet it-talba tal-attur u kkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' disat elef u erba' mitt Euro (€9,400), filwaqt li fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-attur, u ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Ikkunsidrat;***
>
> *Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta illi l-partijiet kienu jaħdmu bi sħab bejniethom f'negozju ta' xogħol bl-opri tal-baħar, bl-isem "Power Boat Rides Malta". Dan in-negozju kien jikkonsisti fil-ġarr ta' klijenti fuq il-baħar bid-dgħajjes li kienu jappartjenu tal-partijiet rispettivament, liema dgħajjes kienu jintużaw b'mod komuni għall-iskopijiet ta' dan in-negozju. Din is-sħubija seħħet fuq medda ta' sentejn ċioé matul iż-żewġt isjuf tal-2012 u 2013. Fit-tieni sena, il-partijiet iddeċidew li jkabbru n-negozju billi jiftħu bar f'garaxx li kien jappartjeni lil missier il-konvenut ġewwa San Ġiljan, u għamlu diversi xogħlijiet u benefikati f'dan l-istabbiliment biex jiġi operat bħala bar (Dok C) bl-isem "Happy Dayz". F'Novembru 2013 il-partijiet iddeċidew li jitterminaw is-sħubija u sussegwentement, il-bar baqa' jiġi operat mill-konvenut.*

*Il-kontijiet tan-negozju kien jieħu ħsiebhom ċertu Julian Muscat, li jiġi l-kuġin tal-konvenut, u hemm qbil illi l-partijiet kienu jaqsmu bejniethom il-qligħ rimanenti wara li kienu jinqatgħu l-ispejjeż. Fl-ewwel sena, il-qsim tal-qligħ kien kwantu għal sittin fil-mija (60%) lill-konvenut u erbgħin fil-mija (40%) lill-attur, filwaqt li fit-tieni sena l-qligħ kellu jinqasam b'mod indaqs. Il-flejjes ta' dan in-negozju kienu jiġu depożitati f'kont tal-bank HSBC f'isem iż-żewġ partijiet, liema kont kien jigi operat b'*cheque book.

*Il-konteġġi li kellhom isiru bejn il-partijiet wara d-deċiżjoni li ma jibqgħux imexxu n-negozju bi sħab bejniethom, kien ħadimhom l-imsemmi Julian Muscat. Il-partijiet iffirmaw dokument b'dawn il-konteġġi li minnu jirriżulta li l-konvenut għandu jagħti lill-attur is-somma ta' €9,040, liema dokument ġie ffirmat fil-preżenza ta' Julian Muscat kif ukoll ta' bint l-attur Marie Lourdes Agius.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-verżjoni tal-attur hi illi s-somma mitluba minnu fir-Rikors promotur tirrappreżenta s-sehem dovut lilu mill-konvenut għall-ispejjez li huwa nefaq fl-attrezzatura tal-istabbiliment ossia bar bl-isem "Happy Dayz" u ma għandhiex x'taqsam man-negozju tad-dgħajjes li kienu joperaw bi sħab bejniethom. Huwa jsostni illi s-somma ta' €9,040 kellha tiġi mħallsa mill-konvenut sal-aħħar ta' Ottubru 2014 u dan skont kif jirriżulta mid-dokument li ġie mħejji minn Julian Muscat u li ġie ffirmat minnu, mill-konvenut u mill-istess Julian Muscat. Madanakollu, il-konvenut baqa' ma ħallsux. L-attur żied jgħid li meta mar ikellmu fl-istabbiliment ġewwa San Ġiljan, fil-preżenza ta' ibnu Jean Claude Agius u ċertu Emanuel Fenech li huwa impjegat tal-konvenut, il-konvenut qallu li ma kellux minn fejn iħallsu. Skont l-attur, il-konvenut qatt ma ċaħad li għandu jagħtih jew li huwa kellu jieħu xi flus mingħand l-attur.*

*Il-konvenut, da parti tieghu, jikkontendi illi huwa ffirma d-dokument li jindika li huwa għandu jagħti s-somma ta' €9,040 lill-attur, għaliex kien taħt pressjoni mill-attur. Qal ukoll illi apparti dak il-kont, kien għad hemm kontijiet oħrajn li kellhom jiġu komputati bejniethom, tant illi jirriżulta mid-dokument innifsu li kien hemm kwistjonijiet u spejjeż oħrajn li kien għad kellhom jiġu diskussi. Skont il-konvenut, dawn l-ispejjeż kellhom jiġu mnaqqsa mis-somma globali indikata fuq id-dokument iffirmat mill-partijiet.*

*Dawn l-ispejjeż - li l-konvenut jippretendi li kellhom jiġu mnaqqsa mill-ammont globali dovut lill-attur permezz ta' konteġġi li kien għad jonqsu x'isiru bejn il-partijiet - jifformaw il-mertu tat-talba rikonvenzjonali proposta mill-istess konvenut.*

*Ikkunsidrat;*

*Jirriżulta illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, li permezz tagħha eċċepixxa n-nullità tat-talba minħabba li din ma saritx permezz ta' Rikors, ġiet sorvolata permezz ta' digriet*

*mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Ġunju, 2016 fejn ġiet milqugħa t-talba tal-attur (fn. 3 Din it-talba saret permezz ta' rikors ippreżentat fis-16 ta' Mejju, 2016, fol. 15) għas-sostituzzjoni tal-kelma 'Avviż' bil-kelma 'Rikors'. Għaldaqstant, mhijiex sejra tieħu iktar konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi fit-tieni eċċezzjoni minnu sollevat, il-konvenut eċċepixxa illi huwa ma għandux relazzjoni ġuridika ma' 'Power Boat Rides Malta'.*

*L-attur Angelo Agius istitwixxa dawn il-proċeduri bħala persuna li teżerċita l-kummerċ taħt l-isem 'Power Boat Rides Malta'. Madanakollu, hu evidenti li dan l-isem jidher li huwa biss isem tan-negozju,* ***mhux entità li għandha personalità ġuridika distinta****: il-Qorti għalhekk tifhem illi l-azzjoni ġiet effettivament istitwita mill-attur de proprio u mhux f'xi kwalità rappreżentattiva ta' korp ġuridiku. Il-fatt illi l-pretensjoni tiegħu hija dwar ħlas dovut in konnessjoni ma' negozju bl-isem 'Power Boat Rides Malta' ma huwa ta' ebda konsegwenza għall-fini tal-persuna ġuridika li effettivament ipproponiet l-azzjoni, għaliex din tibqa' waħda prettament personali għall-attur. Għaldaqstant, jekk kemm -il darba teżisti relazzjoni ġuridika bejn il-konvenut u l-attur f'ismu personali - kif del resto jippretendi l-konvenut - il-Qorti tqis illi l-azzjoni kif proposta mill-attur bħala persuna li teżerċita n-negozju f'isem Power Boat Rides Malta, ma tista' tnaqqas xejn minn din ir-relazzjoni ġuridika.*

*F'kull każ, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-konvenut innifsu xejjen din l-eċċezzjoni tiegħu meta ressaq talba rikonvenzjonali f'din l-istess azzjoni għall-ħlas ta' ammont li jippretendi li huwa dovut lilu mill-attur* ***bħala persuna eżerċitanti l-kummerċ f'isem 'Power Boat Rides Malta'****: dan b'rikonoxximent manifest tar-relazzjoni ġuridika tiegħu mal-attur fil-kwalità tiegħu premessa. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut mhijiex tajba u qed tiġi miċħuda.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm it-talba fir-Rikors promotur hija għall-ħlas tas-somma ta' €9,040, mix-xhieda tal-attur il-Qorti fehmet illi huwa qiegħed effettivament jippretendi l-ħlas tas-somma ta' €10,040 mingħand il-konvenut - bid-differenza ta' elf Euro (€1,000) rappreżentanti nofs l-ammont li kien dovut minn terza persuna bħala kumpens għall-użu ta' garaxx li l-partijiet kienu jikru flimkien ġewwa Ħaż-Żebbuġ biex iżommu d-dgħajjes tagħhom. L-attur jgħid li huwa baqa' qatt ma tħallas is-somma ta' €1,000 mingħand din it-terza persuna, iżda fl-istess waqt ma ressaq l-ebda prova li din is-somma nġabret mill-konvenut jew tħallset lilu. Fi kwalsiasi każ, il-Qorti tqis illi ġaladarba t-talba fir-Rikors promotur hija għall-ħlas tas-somma*

*determinata ta' €9,040, l-aġġudikazzjoni ta' somma ikbar minn dik mitluba tkun waħda* ultra petita*, liema difett ikun jirrendi nulla s-sentenza. Għaldaqstant il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ tagħha għat-talba għall-ħlas tas-somma mitluba fir-Rikors promotur, ċioé s-somma ta' €9,400.*

*Ikkunsidrat;*

*L-attur isejjes il-kreditu pretiż tiegħu fis-somma ta' €9,400, fuq id-dokument immarkat 'Dok. A' (fn. 4 Dokument anness mal-affidavit tal-attur, fol. 30). Dan id-dokument jinsab iffirmat miż-żewġ partijiet kif ukoll minn Julian Muscat li stqarr illi kien hu li effettivament ħejja dan l-istess dokument. L-attur xehed illi l-ispejjeż minnu pretiżi jirrappreżentaw il-benefikati li saru fl-istabbiliment ġewwa San Ġiljan biex dan jiġi attrezzat bħala bar bħala parti min-negozju komuni tal-partijiet. Minn eżami ħafif tad-dokument in diżamina, il-Qorti fehmet illi effettivament, dan jissostanzja l-verżjoni tal-attur illi l-konvenut aċċetta li għandu jħallas is-somma ta' €9,400 lill-attur sal-aħħar ta' Ottubru 2014 u li dan l-ammont jirrappreżenta s-sehem dovut lill-attur mill-ammont dovut kwantu għal* Bar Valutation *(fn. 5 €7,579.91) wara li żdied ammont ulterjuri dovut mill-konvenut fis-somma ta' €2,890 u wara li l-attur naqqas mill-ammont riżultanti ta' €10,400, is-somma ta' €1,000. Dan il-ftehim huwa manifestat fis-segwenti :-*

*"05/03/14*

*Meeting held at St. Julian's, Ian and Lino finalised accounts: Ian to pay Lino €9,400. Amount to be paid by end of October 2014."*

*Il-verżjoni tal-attur illi l-kliem tal-konvenzjoni nkiteb minn Julian Muscat li wkoll iffirma l-istess dokument, ma ġietx miċħuda la mill-konvenut u lanqas mill-istess Julian Muscat.* ***Effettivament, fix-xhieda tiegħu il-konvenut imkien ma jiċħad li s-somma pattwita fuq id-dokument in diżamina, hija dovuta lill-attur****. Kemm hu hekk, meta ġie mistoqsi x'jirrappreżenta l-ammont ta' €9,400 indikat fuq l-i*spread sheet *Dok. A, il-konvenut minflok ma fisser liema parti mill-ammont mhuwiex dovut, qal li issa għadda ż-żmien u jrid jara l-*accounts *qabel ma jitkellem sew. Lanqas ġie asserit minnu li l-konteġġi saru ħażin jew li hemm ammonti li mhux veru huma dovuti lill-attur, jew li ma sarux uħud mill-ispejjeż indikati taħt il-kolonna* "Bar Joint Expenses"*.*

*Jiġi osservat ulterjorment illi l-konvenut effettivament jirrikonoxxi li huwa aċċetta li jħallas lill-attur tas-somma ta' €9,400 meta ffirma l-ftehim in kwistjoni Dok. A: fix-xhieda tiegħu huwa jgħid hekk:-* "Meta aħna wasalna biex nagħlqu l-kontijiet, huwa beda jippreżenta l-kontijiet tiegħu li kellu jieħu u beda jgħidli biex niffirma din biex

nibdew minnha u kif jidher, iffirmajtha però nixtieq ngħid li **apparti dan il-kont kien għad baqa' kontijiet x'jingħalqu**." *[emfasi tal-Qorti]*

*Essenzjalment, il-kontenzjoni tal-konvenut hija li huwa ġie kostrett li jiffirma l-ftehim dwar il-ħlas tas-somma ta' €9,400 għaliex l-attur kien qed jagħmillu pressjoni biex jagħmel dan u illi f'kull każ, il-kontijiet kienu għadhom mhux magħluqin definittivament għaliex kien għad jonqos li jsiru konteġġi dwar ammonti li kien qed jippretendi li huma dovuti lilu mill-attur. Għalkemm dan jista' jkun minnu u jista' effettivament jirriżulta li kien hemm xi kontijiet pendenti li finalment jirriżultaw f'ammont dovut lill-konvenut li kellu jiġi mnaqqas mis-somma globali indikata fuq l-iskrittura, il-kwistjoni dwar ammonti li allegatament huma dovuti lill-konvenut, tifforma l-mertu tal-kontro-talba tiegħu u l-Qorti tqis li din il-kwistjoni għandha tigi determinata meta tiġi biex tistħarreġ it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi huwa minnu li d-dokument kif oriġinarjament imħejji minn Julian Muscat fil- forma ta'* spreadsheet*, jindika li kien hemm xi ammonti li kellhom jigu diskussi (fn. 6* Bucket seat mould "to discuss"; *Garage Żebbuġ* "to discuss"*), iżda jirriżulta wkoll ippruvat illi **wara** li tħejja dan l-i*spreadsheet*, il-partijiet iltaqgħu fil-preżenza tal-istess Julian Muscat biex jiddiskutu l-pendenzi u waslu għall-ftehim li l-ammont effettivament dovut mill-konvenut, huwa dak li niżżel bil-kitba tiegħu stess Julian Muscat fuq l-i*spreadsheet*. Julian Muscat xehed illi skont il-konteġġi li għamlu dakinhar jaf li l-attur kellu jieħu erbat elef Euro kif indikat fid-dokument in kwistjoni* (global balance) *iżda jaf li in segwitu ltaqgħu fil-preżenza tiegħu. Għalkemm huwa ma kellux id-dettalji kollha u jaf li kien għad hemm xi kwistjonijiet mhux magħluqa bejn il-partijiet, bil-konvenut jinsisti li l-ewwel jiġu finalizzati l-konteġġi, ix-xhud qal li l-konvenut aċċetta li jiffirma d-dokument. Ikkonferma wkoll illi skont il-kalkoli li għamel l-attur, il-konvenut kellu jagħtih is-somma ta' €9,400 u* "peress li *[l-konvenut]* xtaq jagħlaq din il-pendenza, iffirma." *(fn. 7 ara xhieda ta' Julian Muscat).*

*Il-Qorti tosserva illi effettivament, dan il-ftehim ("Dok. A") ma jagħmel ebda referenza għall-ammonti speċifiċi li kellhom jiġu diskussi u ma saret l-ebda riżerva dwar ammonti li kien għad jeħtieġ li jiġu diskussi, u l-Qorti tistenna illi jekk kien hemm pendenzi li kien għad kellhom jiġu diskussi, dawn ġew hekk diskussi fil-laqgħa li evidentement, issejħet proprju biex il-kontijiet jiġu finalizzati. B'żieda ma' dan, il-Qorti qajla tifhem kif il-konvenut, jekk ma kienx qed jaqbel mal-ammont komputat u pretiż mill-attur, effettivament iffirma l-patt għall-ħlas tas-somma ta' €9,400, multo magis meta jikkontendi li kien hemm krediti dovuti lilu b'żieda ma' dawk indikati fl-i*spreadsheet *imħejji minn kuginuh Julian Muscat.*

*Illi minnufih għandu jiġi osservat illi l-ftehim ġie ffirmat miż-żewġ partijiet bl-inklużjoni tal-klawsola fuq imsemmija* (Meeting held at St. Julian's, Ian and Lino finalised accounts: Ian to pay Lino €9,400. Amount to be paid by end of October 2014) *u għaldaqstant, ma jista' jkun hemm ebda dubju li din il-klawsola tifforma parti mill-patt konvenzjonali li jorbot liż-żewġ partijiet kontraenti. U ġaladarba jirriżulta li hemm konvenzjoni, din għandha tiġi osservata għaliex hija l-espressjoni manifesta tal-volontà tal-partijiet:* pacta sunt servanda. *Kif inhuwa ritenut b'mod paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, il-prinċipju fondamentali u regolamentari fil-liġi tal-kuntratti:-*

> "jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." *(fn. 8 Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru, 1998 –* ***Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines)***

*B'applikazzjoni tal-insenjament fuq riprodott u minn qari tal-pattijiet kollha tal-ftehim, meħudin flimkien, hija l-fehma tal-Qorti li l-kliem tal-konvenzjoni bejn il-partijiet huwa inekwivoku u ma jeżisti ebda dubju kwalsiasi dwar it-tifsira u l-iskop tal-applikazzjoni tal-klawsola in kwistjoni. Konsegwentement, ma hemm ebda lok għal xi interpretazzjoni bħal dik asserita mill-konvenut li tmur lil hinn mill-kliem ċar u univoku tal-konvenzjoni.*

*F'kull każ, huwa risaput illi l-prinċipju ta' interpretazzjoni ta' kuntratti* 'contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur'*, jinsab ferm assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Dan ifisser illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar (fn. 9* ***Joseph Gatt vs Joseph Galea****,* Appell Ċivili, *deċiż fl-14 ta' April, 1975) u l-kontraenti ma jistgħux jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax, jew jirriżulta eskluż, mill-istess kuntratt (fn. 10* ***Gemma Fenech vs John Bugeja*** *– Appell deċiż fl-20 ta' Ottubru, 2003). Wara kollox, hi presunzjoni* "loġika u ġuridika" *(fn. 11* ***Aquilina noe vs Portelli****, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2005) li meta l-partijiet ikunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu.*

*Il-Qorti tistenna li kieku l-konvenut ma qabilx mal-ftehim kif propost, ma jiffirmahx jew* de minimis*, jesiġi li dan jiġi emendat biex jirrifletti l-kontenzjonijiet tiegħu. Iżda dan ma għamlux. Fil-fehma tal-Qorti, il-korollarju inevitabbli ta' dan huwa li l-konvenut iffirma l-ftehim datat 5 ta' Marzu, 2014 bil-konoxxenza u aċċettazzjoni pjena tal-implikazzjonijiet tal-patt konvenzjonali li jħallas lill-attur is-somma ta' €9,400 sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' Ottubru 2014.*

*Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Clive Simpson noe vs John Saliba noe** (fn. 12 deċiża fit-22 ta' Ġunju, 2004), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk in propositu:-*

"… huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn żvolgew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara **Frendo vs. Caruana**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara **Brincat vs. Saliba**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1983)."

*Kif ġie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc** (fn. 13 Deċiża 7 ta' Ottubru, 2004):-*

"Dan hu konformi mal-prinċipju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu preżunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-interessi tagħhom, u allura darba ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi prinċipju ieħor, ancorché bażat fuq l-ekwità. Il-prinċipju tar-rispett għall-volontà tal-partijiet huwa wieħed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet għandu "forza ta' liġi" għalihom (artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili), u l-Qorti m'għandhiex tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tissostitwixxi għal dak li ftehmu l-partijiet il-volontà tagħha."

*Fl-isfond ta' dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tqisx bħala sodisfaċjentement ippruvata l-pretensjoni tal-attur li s-somma ta' €9,400 hija effettivament dovuta lilu. Dan ifisser illi kwantu għal dak li jikkonċerna t-talba tal-attur, il-kreditu pretiż minnu jinsab ampjament ippruvat mill-patt konvenzjonali li ġie konkluż bejn il-partijiet kif manifestat fid-dokument Dok. A, liema patt huwa inekwivoku dwar dak li huwa dovut mill-konvenut u t-terminu għall-ħlas, u ma jagħmel l-ebda riżerva kwalsiasi.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi kwantu għall-allegazzjoni tal-konvenut li huwa ġie mġiegħel jiffirma l-ftehim Dok. A, il-Qorti tosserva li sar aċċenn fir-rigward biss minn missier il-konvenut Anthony Muscat fl-affidavit tiegħu u fix-xhieda ta' Julian Muscat, li xehed illi l-attur insista illi d-dokument jiġi ffirmat dakinhar waqt il-laqgħa u li l-konvenut kien taħt pressjoni biex jiffirmah. Iżda l-konvenut innifsu mkien ma xehed li huwa ġie sforzat jiffirma l-ftehim in diżamina. Għalkemm fir-Risposta tiegħu għall-ittra ġudizzjarja ppreżentata mill-attur fit-3 ta' Novembru, 2015, il-konvenut sostna illi l-iskrittura in diżamina hija nulla*

*minħabba li l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat, din l-asserzjoni ma ġietx ribadita mill-istess konvenut fir-Risposta tiegħu għar-Rikors promotur f'din il-kawża. F'kull każ, hu risaput illi l-kwistjoni tal-annullabbilità ta' obbligazzjoni minħabba vizzju tal-kunsens ta' wieħed mill-partijiet kontraenti, ma tistax tiġi mistħarrġa mill-Qorti jekk din tiġi sollevata biss* per via d'eccezione *u jeħtieġ li tiġi istitwita azzjoni ad hoc b'talba għall-annullament tal-obbligazzjoni. Din it-talba iżda, la saret fit-talba rikonvenzjonali tal-konvenut f'dawn il-proċeduri u lanqas ġie muri lill-Qorti li saret permezz ta' azzjoni ad hoc oħra istitwita mill-konvenut. Għaldaqstant, l-allegazzjoni li saret fir-rigward hija nieqsa minn kull fondament legali.*

*Għaldaqstant, meħud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula, il-Qorti hija sodisfatta illi t-talba tal-attur għall-ħlas tas-somma ta' €9,400 għandha tiġi akkolta.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-konvenut ressaq talba rikonvenzjonali fejn talab il-ħlas tas-somma ta' €15,000. Il-konvenut jikkontendi li din is-somma hija dovuta mill-attur b'rabta man-negozju li l-partijiet kienu jiġġestixxu bi sħab bejniethom u tinkludi* "flus li għandu jgħaddilu għall-flus li kien hemm il-Bank li nofshom kienu tiegħu, għall-kera tal-garaxx ta' Ħaż-Żebbuġ, għall-flus mill-isponsor Go and Fun, għall-flus tax-xogħol li għamel hu, għall-flus li ħallas hu għan-nom tiegħu ukoll, oltre flus dovuti għal materjal u flus relatati ma' pagi." *(fn. 14 Talba rikonvenzjonali tal-konvenut)*

*Essenzjalment, l-asserzjoni tal-konvenut hija li l-kontijiet kienu għadhom mhux magħluqin definittivament għaliex kien għad hemm pendenzi li, fix-xhieda tiegħu, huwa fisser speċifikatament li jikkonsistu f'kreditu dwar (i)* bucket seats *għad-dgħajjes li kienu nxtraw mingħand ħuh, (ii)* sponsorship *ta' Go and Fun u (iii) dgħajsa tal-ġelat, liema spejjeż kellhom jitnaqqsu mill-ammont globali dovut lill-attur. Jiġi osservat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova u lanqas xehed dwar xogħlijiet eżegwiti minnu għall-benefiċċju tan-negozju jew dwar xi flus dovuta għal materjal.*

*Dwar il-kreditu dovut kwantu għall-*bucket seats*, il-Qorti tosserva illi ħu l-konvenut, Etienne Muscat, xehed illi huwa ġie inkarigat miż-żewg partijiet biex jaħdem dawn is-*seats *għad-dgħajsa tal-attur u kkonferma wkoll illi ħuh ħallsu l-prezz kollu dovut għal xogħlu u għall-materjal fis-somma totali ta' €2,800. Madanakollu, il-Qorti tosserva li mhux biss ma ġie prodott imqar fattura jew riċevuta dwar il-prezz allegatament imħallas lil ħu l-konvenut fir-rigward, talli l-konvenut naqas b'mod assolut milli jissostanzja din il-pretensjoni tiegħu u effettivament, fix-xhieda tiegħu,* ***imkien ma għamel aċċenn għall-fatt illi huwa kien ħallas xi ammont lil ħuh u x'ammont ħallsu***

***b'rabta ma'* bucket seats**. *Għall-Qorti dan ifisser li x-xhieda ta' Etienne Muscat mhix konfortata mix-xhieda tal-konvenut innifsu.*

*B'żieda ma' dan, il-Qorti fehmet ukoll illi ġaladarba dan il-kreditu pretiż jikkonċerna ammont imħallas mill-konvenut lil ħuh stess, il-konvenut kellu jkun ben konsapevoli dwar l-ammont li jippretendi li kien dovut lilu mill-attur fiż-żmien meta l-partijiet ġew biex jagħlqu l-kontijiet. Kemm hu hekk, għalkemm jirriżulta li fl-i*spreadsheet *Dok. A hemm indikat is-somma ta' €2,000 kwantu għal item deskritt bħala* "bucket seat mould: to discuss", *din is-somma ma' taqbilx mas-somma li ħu l-konvenut xehed li huwa tħallas għal xogħlu u għall-materjal. F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti ma tħossx li l-kreditu pretiż mill-konvenut fir-rigward tal-*bucket seats *ġiet ippruvata sodisfaċjentement, anke għaliex kif ampjament ikkunsidrat iktar qabel, il-Qorti fehmet illi jekk kien fadal xi pendenzi li dwarhom il-konvenut kien qed jippretendi xi kreditu, dawn ġew diskussi u sorvolati fil-laqgħa tal-5 ta' Marzu 2014.*

*L-attur jiċħad illi kien hemm ftehim dwar il-bejgħ ta' ġelati minn fuq id-dgħajjes u fir-rigward tal-bejgħ tal-ġelat Algida, isostni li kien il-konvenut stess li kien ibiegħ dawn il-ġelati filwaqt li hu kien ibiegħ tal-Cadbury u kulħadd kien iżomm il-flejjes tal-bejgħ għalih mingħajr dawn jidħlu fil-kontijiet komuni. Dan huwa in parti affermat minn missier il-konvenut Anthony Muscat illi xehed li l-bejgħ tal-ġelati Algida kien isir mill-bar biss u mhux minn fuq id-dgħajjes. F'kull każ il-konvenut baqa' ma ressaq l-ebda prova dwar l-allegat bejgħ ta' ġelat Cadbury jew xi qligħ li l-attur seta' daħħal mill-bejgħ ta' ġelati liema qligħ kellu jifforma parti min-negozju komuni, u wisq anqas irnexxilu jipprova x'sehem kien dovut lilu minn dan il-bejgħ. Hu minnu li Marvin Sapiano, rappreżentant ta' Alf. Mizzi & Sons Marketing Limited, xehed illi fis-sena 2013 huwa biegħ ġelati b'valur totali ta' €8,389 lill-kumpannija bl-isem AB Marine Limited li huwa direttur tagħha l-attur Angelo Agius, għall-Qorti din m'hijiex prova la li l-ġelati nbiegħu lill-attur u lanqas li dan il-bejgħ kellu jidħol fil-kontjiet tan-negozju bejn il-partjiet f'din il-kawża. Wara kollox ma nġabitx prova kif imiss dwar il-kariga tal-attur fil-kumpannija AB Marine Limited u ma ġiex muri lanqas l-eżistenza ta' xi ness bejn din il-kumpannija u n-negozju ġestit mill-partijiet.*

*Dwar il-pretensjoni tal-konvenut fir-rigward ta' allegat ftehim ta'* sponsorship *bejn l-attur u l-kumpannija Go and Fun Limited, l-attur laqa' għal din il-pretensjoni billi sostna li l-i*sponsorship *in kwistjoni kien jirrigwarda d-dgħajsa tiegħu u mhux dik tal-konvenut u għalhekk il-flus li kienu jitħallsu mill-i*sponsorship *ma kienux jidħlu fil-konteġġi tan-negozju komuni. Effettivament, mix-xhieda ta' Sergio Sciberras, id-direttur tal-kumpannija Go and Fun Limited, huwa eskluż li tħallsu xi flus lill-attur għar-reklamar tad-ditta 'Go and Fun' fuq id-dgħajjes li kien jopera: filwaqt li mhuwiex*

*ippruvat sodisfaċentement illi dan il-ftehim kien fis-seħħ fiż-żmien meta l-partijiet kienu qed joperaw bi sħab bejniethom (fn. 15 ara xhieda ta' Sergio Sciberras tal-25 ta' Ġunju, 2019, fol. 133 sa 142), il-Qorti f'kull każ fehmet illi l-ħlas għar-reklamar kien isir permezz ta' fornitura ta' prodotti tad-ditta 'Go and Fun' biex dawn jitqassmu lill-klijenti tal-attur b'xejn bħala promozzjoni. Għaldaqstant, tqis illi dan il-kreditu pretiż tal-konvenut ma ġiex ippruvat sodisfaċentement.*

*Il-konvenut jikkontendi wkoll illi l-attur kien ħa s-somma addizzjonali ta' €3,000 mill-flus tan-negozju mingħajr ma huwa tħallas ammont ugwali. Fir-rigward, il-konvenut ipproduċa fir-rigward* spreadsheet *Dok. RM1, li jindika* "Lino Wage Extra €3,015.00"*, iżda jistqarr illi dan il-prospett, li jinkludi wkoll fih il-flus li kien jitħallas in linea ta' paga lil persuni oħrajn matul is-sentejn tas-sħubija, kien ilu fil-pussess tiegħu sa minn meta l-partijiet kienu qed jagħlqu l-kontijiet bejniethom u kien ippreżentah ukoll lill-*accountant *tan-negozju Julian Muscat. Rinfaċċjata b'dikjarazzjoni bħal din, il-Qorti qajla tista' tifhem kif allura l-konvenut naqas milli jinsisti li dawn il-figuri, li kien diġà konsapevoli dwarhom meta l-partijiet ġew biex jillikwidaw is-sħubija, jiġu meqjusa fil-konteġġi li saru bl-involviment ta' Julian Muscat fil-laqgħa tal-5 ta' Marzu 2014, jekk mhux għaliex effettivament, dawn il-ħlasijiet kienu in regola u l-konvenut ma seta' kellu l-ebda pretensjoni valida dwarhom.*

*Il-konvenut jippretendi ulterjorment illi fil-konteġġi li kienu għadhom pendenti bejn il-partijiet, kellha tittieħed qies tal-pretensjoni tiegħu li l-attur ħallas lilu nnifsu tliet Euro fis-siegħa mill-għaxar Euro fis-siegħa salarju tal-impjegat Ryan Micallef, bil-konsegwenza illi l-attur għamel gwadann a skapitu tiegħu, ġaladarba huma kellhom jaqsmu d-dħul kollu min-negozju f'ishma ndaqs. Da parti tiegħu, l-attur isostni illi Ryan Micallef kien impjegat tiegħu biss u kien iħallas is-salarju tiegħu minn butu u mhux mill-flus tan-negozju. Għalkemm il-konvenut ressaq lill-imsemmi Ryan Micallef biex jixhed b'rabta ma' din il-pretensjoni, l-allegazzjoni tiegħu ma sabet l-ebda sostenn: minflok, ix-xhieda ta' Ryan Micallef tikkonforta l-verżjoni tal-attur. Kemm hu hekk, ix-xhud ikkonferma illi huwa kien impjegat fuq bażi* full-time *mal-attur u kellu x'jaqsam miegħu biss. Imkien ma jirriżulta li dan ix-xhud kien qed jitħallas inqas minn dak li kien dovut lilu bħala salarju u lanqas illi kien hemm xi diżgwid fir-rigward bejnu u bejn xi ħadd mill-partijiet.*

*L-istess jgħodd dwar il-pretensjoni tal-konvenut dwar is-somma ta' €15,000 li kienet depożitata fil-kont bankarju konġunt tal-partijiet: filwaqt li jirriżulta illi dan l-ammont kien inġibed minn dan il-kont permezz ta' cheque bin-numru 00019 fil-11 ta' Ottubru, 2013 (fn. 16 fol. 82), il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova illi dawn il-flejjes inġibdu mill-*

*attur waħdu ad insaputa tal-konvenut jew mingħajr il-kunsens tiegħu. Ma jirriżultax, lanqas, dan l-ammont x'jirrappreżenta u għaliex inġibed mill-kont bankarju.*

*Il-konvenut naqas ukoll b'mod assolut milli jressaq provi biex isostni l-pretensjoni tiegħu dwar il-kera tal-garaxx li l-partijiet kienu jikru ġewwa Ħaż-Żebbug biex fih iżommu d-dgħajjes tagħhom, kif ukoll naqas milli jressaq prova dwar* "flus tax-xogħol li għamel hu … oltre l-flus dovuti għal materjal…" *kif imsemmi fit-talba rikonvenzjonali tiegħu.*

*Miżmum ferm dan kollu, inkluż il-konsiderazzjonijiet magħmulin b'rabta mat-talba prinċipali, il-Qorti tqis illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċjenti l-kreditu li allega li huwa dovut lilu mill-attur u konsegwentement, il-kontro-talba tiegħu sejra tiġi respinta*."

**<u>L-Appell</u>**

20. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fis-27 ta' April, 2021, fejn għar-raġunijiet hemmhekk imfissra talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu kif ukoll it-talbiet imressqa minnu fil-kontro-talba tiegħu, u għalhekk tilqa' l-aggravji tiegħu, u tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn huwa ġie ordnat iħallas l-ammont ta' €9,400, bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-appellat.

21. L-appellant qal li huwa ħass ruħhu aggravat bis-sentenza appellata għaliex mill-provi kollha li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, kellu jirriżulta li x-xhieda tiegħu u tax-xhieda mressqa minnu, kienet aktar attendibbli mill-verżjoni tal-attur. Qal li huwa jħossu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti għażlet li tistrieħ fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellat, anki meta dawn ma kinux minnhom, u qal li filwaqt li t-talba kontenuta fil-kontro-talba mressqa

minnu għall-ħlas lilu ta' €15,000 kellha tiġi milqugħa, it-talba tal-appellat għall-ħlas lilu tal-ammont ta' €9,400 ma kellhiex tiġi milqugħa.

22. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda li taw il-partijiet dwar in-negozju li kellhom bejniethom. Qal li meta l-appellat xehed li l-partijiet kienu jaqsmu bejniethom kemm il-profitti kif ukoll l-ispejjeż tan-negozju, imma li l-appellant kien għad fadallu jħallsu ta' xi affarijiet li ntraw għall-*bar,* bħalma huwa l-*air conditioner,* u affarijiet oħra, dan gideb għaliex mill-provi rriżulta li fil-*bar* ma kienx hemm *air conditioner.* L-appellant qal li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ispejjeż li jagħmlu jinqatgħu mid-dħul, u dak li jifdal jinqasam indaqs bejniethom it-tnejn.

23. L-appellant qal li min-naħa tiegħu huwa ta spjegazzjoni dwar għalfejn huwa ffirma d-dokument bil-konteġġi, u dan għaliex l-appellat kien qallu biex jibdew b'dan id-dokument partikolari. Qal li sussegwentement irriżulta li l-appellat kien daħaq bih, għaliex wara li huwa ffirma d-dokument, il-pendenzi l-oħra li kien għad fadal ma ġewx ittrattati bejniethom. Qal li fuq id-dokument iffirmat minnu hemm miktub '*items to discuss*', u li dan ifisser li mhux il-pendenzi kollha ġew ittrattati. Qal li fost il-pendenzi indikati fuq dan id-dokument, hemm il-*bucket seat mould* u l-garaxx ta' Ħaż-Żebbuġ. Kompla jgħid li waħda mill-pendenzi li kien għad fadal kienet dwar is-somma li kellu jħallsu l-appellat mill-bejgħ tal-ġelati, u qal li f'dan ir-rigward huwa kellu jħarrek lir-rappreżentant ta' Alf. Mizzi & Sons Limited, minn fejn kienu inxtraw il-ġelati, sabiex dan jagħti informazzjoni dwar il-bejgħ tal-ġelati għaliex anki f'dan ir-rigward l-appellat kien daħaq bih għal darb'oħra. Qal li l-appellat xehed li l-flus

mill-bejgħ tal-ġelati ma kellhomx jidħlu fil-konteġġi għaliex dawn ma kellhomx jiffurmaw parti min-negozju bejn il-partijiet. Qal li kien l-appellat li qabad u ddeċieda li l-ġelati ma kellhomx jiffurmaw parti min-negozju bejn il-partijiet, u l-Ewwel Qorti emmnet din il-verżjoni tal-appellat. Qal li l-appellat ma qalx il-verità meta qal li l-flus mill-bejgħ ta' dawn il-ġelati ma kellhomx jidħlu fil-konteġġi, għaliex skont il-ftehim bejn il-partijiet, fl-ewwel sena d-dħul kellu jinqasam 60-40, filwaqt li fit-tieni sena tan-negozju, id-dħul kellu jinqasam 50-50. Qal li l-appellat kien jaf li l-appellant ma kellu x'jaqsam xejn mal-bejgħ tal-ġelati Algida, għaliex dawk kienu jiffurmaw parti min-negozju ta' Anthony Muscat, u kien jaf li l-appellant kien qiegħed jagħmel riferiment għall-bejgħ tal-ġelati Cadbury. Qal li l-appellat ma ċaħadx li l-flus tal-ġelati ħadhom kollha hu, imma qal li dawn ma kinux parti min-negozju ta' bejniethom. Qal ukoll li l-Qorti ma kellhiex tagħti affidabbilità lix-xhieda ta' persuna li tgħid li l-unika raġuni għalfejn żamm il-flus għalih kienet għaliex ma kellhomx jidħlu fin-negozju bejn il-partijiet.

24. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-i*sponsor* tal-Go and Fun, għaliex l-appellat ma kellux jiġi emmnut li l-flus ta' dan l-i*sponsorship* ma kinux jiffurmaw parti min-negozju bejn il-partijiet. Qal li huwa ma setax jifhem għal liema raġuni l-Ewwel Qorti emmnet ix-xhieda ta' Sergio Sciberras, li qal li ma kienx iħallas flus lill-appellat, għaliex kien l-appellat stess li qal li kien jirċievi flus. Qal li mix-xhieda mogħtija minn Sciberras għandu jirriżulta li dan ma xtaqx jiżvela kemm kien l-ammont li kien iħallas lill-appellat għar-reklami. L-appellant qal li meta ntalab jixhed dwar il-ftehim li kellu mal-appellat, Sciberras irrisponda li dawn huma affarijiet privati,

u li ma kellu l-ebda intenzjoni li jagħti l-informazzjoni li ntalab jagħti minħabba r-relazzjoni lavorattiva li kellu mal-appellant. Fix-xhieda tiegħu Sciberras qal li huwa xtaq li d-dgħajjes jagħmlu reklam tal-Go and Fun, imma qal li minflok flus għal dawn ir-reklami, huwa kien jgħaddi ammont ta' prodotti lill-appellat sabiex dan iqassamhom lill-persuni li jkollu rekbin miegħu fuq id-dgħajjes. L-appellant qal li dan l-arranġament ma kien jagħmel l-ebda sens għalih. Qal li anki dwar is-snin li fihom Sciberras għamel dawn ir-reklami mal-appellat, kien hemm diskrepanza u nuqqas ta' verità fix-xhieda mogħtija minnu. L-appellant qal li l-appellat lilu qatt ma kien jgħaddilu l-flus mill-bejgħ ta' dan ix-xorb. Qal ukoll li kien l-appellat li fix-xhieda tiegħu qal li l-Go and Fun kienu jħallsu lilu għal dan l-i*sponsorship* u għalhekk din ix-xhieda tal-appellat twaqqa' kompletament ix-xhieda mogħtija minn Sergio Sciberras, li qal li huwa ma kienx iħallas għal dawn ir-reklami.

25. L-appellant għamel riferiment għall-parti tax-xhieda tiegħu fejn dan qal li l-appellat approprja għalih innifsu flus li kienu ddepożitati fil-kont bankarju li l-partijiet kellhom bejniethom, u qal li l-appellat ħa s-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) minn dan il-kont bħala paga għalih u naqas milli jgħaddilu nofsha. Qal li għalhekk huwa ħassu aggravat meta minkejja dawn il-provi, l-Ewwel Qorti qalet li ma setgħetx tifhem kif ċerti konteġġi ma ġewx inklużi fil-kontijiet li l-partijiet kellhom bejniethom. Spjega li huwa safa ingannat mill-appellat, meta dan irrifjuta li jiffirma għall-pendenzi li kien għad fadal bejn il-partijiet, minkejja li l-appellant kien iffirma d-dokumentazzjoni ppreżentata lilu.

26. Għar-rigward tal-pretensjoni tal-appellant li għandu jieħu ħmistax-il elf Euro (€15,000) mingħand l-appellat, l-appellant qal li mix-xhieda ta' Alison

Mifsud Brimmer mill-HSBC, irriżulta li l-kont konġunt bejn il-partijiet infetaħ fis-27 ta' Lulju, 2012 u ingħalaq fit-13 ta' Mejju, 2015. Qal li mill-i*statement* ippreżentat jirriżulta li fil-11 ta' Ottubru, 2013, minn dan il-kont inġibdet is-somma ta' €15,000. Qal li huwa jaf li l-partijiet fl-imsemmi kont konġunt kellhom iddepożitat l-ammont ta' €15,000, u jaf ukoll li din is-somma ma ġibidhiex hu. Qal li l-unika ħaġa li jiftakar hija li l-appellat kien talbu jiffirma ċekk għaliex ried iħallas lill-mekkanik, iżda dan iċ-ċekk ma kellux indikat ammont fuqu.

27. L-appellant qal ukoll li huwa għandu jedd jirċievi parti mill-flus intiżi għall-ħlas tal-impjegat li l-partijiet kellhom magħhom, u dan għaliex la l-appellat u lanqas l-impjegat Ryan Micallef ma xehdu l-verità dwar l-impjieg ta' Micallef u s-salarju li dan kellu jieħu. L-appellant qal li Ryan Micallef kien evażiv fix-xhieda tiegħu, u dan evita li jagħti ċerti dettalji li ntalbu minnu. Qal li kien l-appellat li xehed li l-paga u l-ispejjeż relatati mal-impjieg ta' Micallef kienu spejjeż tiegħu waħdu u mhux tan-negozju, u din id-dikjarazzjoni da parti tal-appellat ma kienet tagħmel l-ebda sens. L-appellant qal ukoll li d-dokumenti esebiti minnu juru li l-appellat ħa l-ammont ta' €3,015 mill-flus tan-negozju bħala paga għalih u lilu ma tah xejn; l-ammont ta' €1,664 li kellu jmur għall-paga tal-impjegat Ryan Micallef, li kien qiegħed jitħallas bis-seba' Euro fis-siegħa minflok bl-għaxar Euro kif mifthiem; u l-ammont ta' €3,695 li ngħata lit-tifel tal-appellat u lil ħabib tiegħu.

28. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn missieru Anthony Muscat, li kkonferma l-verżjoni mogħtija minnu, u li kkonferma wkoll li l-appellant ġie ttradut mill-appellat. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li bejn il-

partijiet kien għad fadal xi pendenzi li kienu għadhom ma ngħalqux, u fil-fatt elenka l-kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet, bħall-i*sponsorship* tal-Go and Fun, is-sehem tal-appellant mill-bejgħ tal-ġelati, il-flus li l-appellant kellu jirċievi għat-twaħħil tal-*bucket seats* fuq id-dgħajsa tal-appellat*,* kif ukoll il-fatt li l-appellat ħaddem membri tal-familja tiegħu f'dan in-negozju mingħajr il-kunsens tal-appellant.

29. L-appellant għamel ukoll riferiment għax-xhieda ta' ħuh dwar il-*bucket seats,* u qal li ħuh kien konsistenti fix-xhieda tiegħu meta qal li kien iltaqa' maż-żewġ partijiet u spjegalhom kif il-*bucket seats* l-aħjar li jsiru. Qal li l-Ewwel Qorti, minkejja li fid-deċiżjoni tagħha rrikonoxxiet il-*bucket seats* kienu indikati fil-lista, u ħdejhom kien hemm miktuba il-frażi '*to discuss*', tgħid li fil-lista kien hemm imniżżel €2,000, imma x-xhud kien semma €2,800. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn qalet li l-kreditu pretiż mill-appellant rigward il-*bucket seats,* ma ġiex ippruvat sodisfaċentement. Qal li huwa ressaq l-aħjar prova, il-persuna li għamlet ix-xogħol u li kkonferma bil-ġurament il-kont kemm kien u l-fatt li l-flus irċevihom mingħand l-appellant. L-appellant qal li l-ammont ta' €2,000 kienu l-prezz tax-xogħol, filwaqt li t-€800 l-oħra kienu l-prezz tal-materjal.

30. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda ta' Julian Muscat, u qal li dan ix-xhud spjega li skont il-konteġġi oriġinali li saru, l-appellat kellu jirċievi €4,000, iżda wara li ltaqgħu l-partijiet ġie stabbilit li l-appellat kellu jirċievi €9,400, u kien għad fadal xi pendenzi li l-partijiet ma qablux dwarhom. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni mogħtija mill-appellat meta din ix-xhieda ma kinitx veritiera, filwaqt li lilu m'emmnitx dwar il-

pendenzi li kien għad fadal. L-appellant qal li anki s-somma ta' €15,000 hija inqas mill-ammont li kellu jitħallas mill-appellat, u għalhekk l-aggravji sollevati minnu f'dan ir-rikors tal-appell għandhom jiġu milqugħa.

**Ir-Risposta tal-Appell**

31. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-appellant ibbaża r-rikors tal-appell tiegħu fuq binarju wieħed, jiġifieri fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Qal li l-appellant qiegħed jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u li din kellha tiċħad it-talbiet attriċi filwaqt li tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tiegħu. Qal li l-appellant, minkejja li għamel għadd ta' allegazzjonijiet u sottomissjonijiet ta' fatt, naqas milli jispjega u jiġġustifika għal liema raġuni din il-Qorti tal-Appell għandha tuża l-fakultajiet riveżuri tagħha sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha. Qal li f'dan il-każ l-appellant m'għandux il-privileġġ li jaqbad u jittratta dwar provi li fuqhom hija msejsa s-sentenza appellata, daqs li kieku għandu xi jedd awtomatiku għall-apprezzament mill-ġdid tal-provi, iżda fl-ewwel lok irid jiġġustifika t-talba tiegħu għal dan, xi ħaġa li fir-rikors tal-appell ma saritx.

32. L-appellat kompla jgħid li skont ġurisprudenza kostanti, din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi biss f'dawk l-istanzi eċċezzjonali fejn ikun hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jissuġġerixxu li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tikkonsidra l-provi b'tali mod li tkun sejra ssir inġustizzja manifesta. L-appellat qal li fil-fehma tiegħu l-apprezzament li għamlet l-Ewwel

Qorti kien wieħed imsejjes fuq konsiderazzjoni ħolistika u akkurata tal-evidenza, u għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet valutazzjoni xierqa tal-provi. Kompla jgħid li l-appellant bl-ebda mod ma ttenta jispjega x'kienu dawn ir-raġunijiet serji u gravi li għandhom jitqiesu li jiġġustifikaw it-talba tiegħu għar-riapprezzament tal-provi, u minflok permezz tal-appell tiegħu huwa qiegħed jipprova jieħu ċans ieħor mal-ġustizzja, sempliċiment għaliex ma ngħatax raġun mill-Ewwel Qorti. Qal li għalhekk huwa qiegħed jitlob li dan l-appell jiġi sommarjament miċħud stante li għandu jitqies li huwa frivolu u vessatorju.

33. L-appellat żied jgħid li mingħajr preġudizzju għal dan, l-appell huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, u jammonta biss għal tentattiv da parti tal-appellant li jerġa' jippreżenta l-massa evidenzjarja quddiem din il-Qorti sabiex l-evidenza tiġi mgħarbla mill-ġdid u huwa jingħata raġun. Kompla jgħid li jekk il-Qorti tħoss li għandha tissindika l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tikkonkludi bl-istess mod kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, jiġifieri li l-appellat irnexxielu jagħmel prova ta' dak minnu pretiż, filwaqt li l-appellant naqas milli jagħti sostenn lill-eċċezzjonijiet u lit-talbiet rikonvenzjonali tiegħu. Qal ukoll li huwa ma jafx għal liema raġuni l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti għandha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti abbażi ta' aggravju li jikkonsisti biss f'ripetizzjoni ta' siltiet selettivi mill-provi, li ġew sostnuti minn argumenti superfiċjali u imsejsa fuq l-ipotetiku. Kompla jgħid li dak li għamel l-appellant kien biss li rrepeta x-xhieda li ngħatat quddiem l-Ewwel Qorti, u magħha żied dikjarazzjonijiet u allegazzjonijiet bħal li l-appellat daħaq bl-appellant jew ingannah, jew addirittura li dan 'gideb'. L-appellat qal li f'każ li l-appellant deherlu li kellu jillimita l-appell tiegħu għal ri-apprezzament tal-

provi, l-iċken ħaġa li wieħed jippretendi hija li dan iġib provi tajbin biżżejjed li jwasslu lil din il-Qorti tgħarbel mill-ġdid l-evidenza abbażi ta' sottomissjonijiet u aggravji li juru n-nuqqas ta' attendibbilità tal-eżerċizzju li sar mill-Ewwel Qorti. Qal iżda li f'dan il-każ l-appellant intilef f'monologu ta' opinjonijiet personali dwar għalfejn fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kienet żbaljata.

34. L-appellant qal li għalkemm l-argument ewlieni mressaq mill-appellant kemm quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll permezz tal-appell tiegħu, huwa fis-sens li l-iskrittura tal-5 ta' Marzu, 2014 ma kinitx tikkomprendi l-intier tal-pendenzi bejn il-partijiet, l-appellant għażel li jinjora u ma apprezzax il-fatt li l-iskrittura baqgħet veljanti bejn il-partijiet, u qatt ma sar xi forma ta' tentattiv da parti tal-appellant sabiex jirrexxindieha jew jimpunjaha. Qal li l-appellant jinjora wkoll il-fatt li fuq din l-iskrittura hemm indikat li din tikkostitwixxi l-'*finalised accounts'.* L-appellat qal li l-Ewwel Qorti daħlet fil-fond tal-mod kif ġiet redatta din l-iskrittura, li saret mill-*accountant* tal-partijiet, li inzerta huwa wkoll qarib tal-appellant. L-appellat qal li filwaqt li l-appellant ipprova jiggranfa mal-fatt li fl-i*spreadsheet* li ppreċediet l-iffirmar tal-iskrittura, kien hemm riserva dwar xi punti li kellhom jiġu diskussi, huwa jinjora l-fatt li meta l-iskrittura ġiet iffirmata, kienu ġew inseriti l-kelmiet '*finalised accounts'.* Qal ukoll li dan ma setax ħlief jindika li meta l-*accountant* ipprepara l-*ispreadsheet,* dan ħalla bħala pendenti l-materji li riedu jiġu diskussi, u l-partijiet u l-*accountant* sussegwentement iltaqgħu, iddiskutew, u qablu fuq iċ-ċifri fil-forma ta' *finalised accounts* permezz ta' liema l-appellant għandu jħallas lill-appellat is-somma indikata fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

35. L-appellat qal li dan kollu ġie kkonsidrat mill-Ewwel Qorti, li tat piż determinanti lil din l-iskrittura, li timmanifesta bl-aktar mod sinċier il-pożizzjoni reċiproka tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin fil-mument li waqfet ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom. Qal ukoll li hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li ladarba jkun hemm prova dokumentarja, m'hija ammessa l-ebda xhieda sabiex tikkontradixxi dak li jkun miktub. Żied jgħid li l-kawża kollha promossa minnu, hija essenzjalment msejsa fuq l-iskrittura privata tal-5 ta' Marzu, 2014, li tindika b'mod ċar li l-appellant kien debitur tal-appellat għas-somma ta' €9,400, u li tali skrittura ma ssemmi xejn dwar xi kreditu li qiegħed jippretendi l-appellant fil-konfront tal-appellat. Kompla jgħid li din l-iskrittura hija prova ċara u inekwivoka li l-appellant kien aċċetta li huwa debitur tal-appellat, u li ma kienx hekk, ma kienx jiffirma l-istess skrittura jew għall-inqas kien jirriserva l-pożizzjoni tiegħu bid-debiti riservi. L-appellat għamel riferiment għall-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li fejn il-kliem tal-konvenzjoni meħud fis-sens u skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma jkun hemm lok għall-ebda interpretazzjoni. L-appellat qal li f'dan il-każ l-appellant ipprova jxejjen il-validità tal-iskrittura li tifforma l-mertu tal-proċeduri bejn il-partijiet, billi ħoloq dubji dwar l-istat mentali tiegħu fil-mument li fih iffirma din l-iskrittura, iżda qal li tali difiża hija waħda inverosimili, inkredibbli u mhux sopportata minn xi forma ta' evidenza, medika jew xort'oħra. Qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li f'każ li l-appellant ried jimpunja din l-iskrittura, dan kellu jistitwixxi proċeduri appożiti. L-appellat qal li quddiem l-Ewwel Qorti lanqas ma nġabet prova li kien hemm xi nuqqas ta' kjarezza fil-kuntratt li kellu jiġi regolarizzat permezz ta' xi ftehim ieħor, jew inkella kellu jiġi kkjarifikat bix-xhieda, u lanqas ma kien hemm xi żball fil-kuntratt li kien jiġġustifika li dak pattwit jiġi kontradett

minn testimonjanza orali. Qal ukoll li l-appellant qatt ma ħa passi ġudizzjarji jew legali biex jirrexxindi din l-iskrittura, xi ħaġa li kien jagħmel li kieku l-kunsens tiegħu kien verament wieħed ivvizzjat.

36. L-appellat qal li l-appellant ma kienx veritier lanqas fis-sottomissjonijiet magħmula minnu fir-rikors tal-appell tiegħu. Qal dan għaliex filwaqt li l-appellant jargumenta li mhux minnu li l-iskrittura kienet tittratta l-pendenzi kollha li kien hemm bejn il-partijiet, u għal dan il-għan saret riserva dwar *items to discuss,* li ġew indikati bħala 'l-*bucket seat mould*' u l-garaxx ta' Ħaż-Żebbuġ, l-appellant qajla jista' jitwemmen li jekk verament kellu pretensjoni għall-ħlas ta' €15,000, dan ma ġiex indikat bl-istess mod fl-imsemmija skrittura. L-appellat qal li wieħed ma jistax jinsa li l-imsemmija skrittura ġiet iffirmata fil-preżenza tal-*accountant* tal-partijiet, wara laqgħa li saret appożitament.

37. L-appellat irrileva li qabel ma huwa istitwixxa dawn il-proċeduri, l-appellant qatt ma ressaq xi pretensjoni għall-ħlas, u la qatt kellem lill-appellat f'dan is-sens, la bagħatlu ittra legali u lanqas interpellah b'xi mod sabiex jersaq għall-ħlas. Qal li dan il-kreditu nibet biss hekk kif l-appellant sab ruħhu ffaċċjat bit-talba tal-appellat għall-ħlas, filwaqt li qabel saret tali talba, l-uniku diskors tal-appellant f'dan ir-rigward, kien li ma setax ilaħħaq mad-dejn li kellu. Kompla jgħid li għalhekk l-aggravju tal-appellant huwa mibni fuq il-fieragħ, huwa nieqes minn kull argumentazzjoni legali u jikkonsisti biss f'għadd ta' assunzjonijiet, ipoteżi u argumentazzjoni msejsa fuq siltiet selettivi ta' evidenza.

38. L-appellat għamel riferiment għall-pretensjonijiet tal-appellant fir-rigward tal-bejgħ tal-ġelati, u qal li ma tressqet l-ebda evidenza li turi li l-bejgħ tal-ġelati kien parti min-negozju tal-partijiet.

39. L-appellat għamel riferiment għall-parti tar-rikors tal-appell fejn l-appellant semma l-i*sponsorship* tal-Go and Fun, u qal li anki f'dan il-każ, l-uniku argument tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma messhiex emmnet lill-appellat jew lix-xhud Sergio Sciberras għaliex dawn it-tnejn kienu qegħdin jigdbu. Qal li minkejja li l-appellant jinsisti li l-appellat irċieva xi flus mingħand Sciberras rigward ir-reklami li kienu jidhru fuq id-dgħajjes, huwa naqas milli jġib prova konkreta ta' dan.

40. L-appellat għamel riferiment għall-parti tar-rikors tal-appell fejn l-appellant qal li kellu jiġi emmnut hu fir-rigward tal-pendenzi tal-ħlasijiet ta' Ryan Micallef. Qal li minn imkien ma jirriżulta l-kreditu pretiż mill-appellant, u lanqas ma ġie ppruvat li Ryan Micallef kien impjegat mal-partijiet, min kien iħallsu, jew li l-appellat kien iżomm xi parti mill-ħlas dovut lil Micallef. Kompla jgħid illi li kieku huwa minnu li Micallef allega li parti mill-ħlas dovut lilu kien qiegħed jinżamm mill-appellant, dan kien jiftakar dan il-fatt u jitla' jixhed dwaru. L-appellat qal li l-fatt li xi ħadd ma jaqbilx mal-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom l-Ewwel Qorti, mhux fih innifsu aggravju, u l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi jkun ġustifikat fejn l-appellant juri li hemm raġunijiet serji u tajbin li jġibu fid-dubju l-eżerċizzju li sar mill-Ewwel Qorti. L-appellat qal illi li kieku kull kawża tista' tiġi appellata sempliċiment għaliex parti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-fatti mogħtija mill-Ewwel Qorti, jew għax temmen li n-

naħa l-oħra tkun qiegħda 'tigdeb', kieku din il-Qorti tiġi żvestita mill-funzjoni proprja tagħha u tiġi ridotta għal forum fejn sempliċement jerġa' jinstema' l-każ.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

41. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta tal-appellat, u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata. Il-Qorti tirrileva illi bħala qorti ta' reviżjoni hija m'għandhiex tissindika l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti f'ċirkostanzi fejn ma ġiex allegat li saret inġustizzja manifesta bid-deċiżjoni mogħtija. Minn qari akkurat tar-rikors tal-appell, din il-Qorti tikkonkludi li l-unika raġuni għalfejn l-appellant ressaq dan ir-rikors tal-appell huwa għaliex huwa mhuwiex kuntent bid-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti, ladarba huwa ma ngħatax raġun fil-pretensjonijiet tiegħu, u għalhekk qiegħed iressaq sottomissjoni dwar ċerti riżultanzi mill-provi u mix-xhieda prodotti, sabiex din il-Qorti tikkonsidrahom mill-ġdid. Hawn il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Licari Estates Limited et *vs.* Carmel Vella**[1], fejn ingħad illi:

> "Għal dak li hu sindakar tal-apprezzament tal-provi minn din il-qorti ta' reviżjoni huwa veru li teżisti ġurisprudenza paċifika li tgħid illi '*la Corte d'Appello non può immischiarsi, meno in casi eccezionali, nell'esercizio della discretiva della Corte di prim'istanza sulla produzione di prove.*' (Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco, Appell Ċivili, 30 ta' Ġunju, 1919). Daqstant ieħor però ġie kostantement ritenut ukoll fil-ġurisprudenza illi din il-Qorti kienet obbligata ili tissindika dan l-apprezzament u anke tasal għal konklużjoni diversa minn dik li jkun wasal għaliha l-ewwel tribunal jekk tkun konvinta illi altrimenti tkun ser tiġi kaġunata inġustizzja manifesta. "Jiġifieri,

[1] 10.10.2015.

> meta fil-fehma tagħha, wara li tkun ikkunsidrat l-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment morali illi l-provi prodotti ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konklużjoni li għaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, jekk tkun konvinta illi altrimenti tkun ser tiġi kaġunata inġustizzja manifesta." Jiġifieri meta fil-fehma tagħha wara li tkun ikkunsidrat l-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment morali illi l-provi prodotti ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konklużjoni li għaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, din il-qorti ta' reviżjoni kienet obbligata li tiddelibera s-sentenza tagħha fuq dik il-bażi ta' fatt kif fil-fehma tagħha tkun tirriżulta provata, anke jekk dan ifisser li jkollha fil-proċess tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun additat bħala provanti l-premessi għat-talbiet attriċi (Emily Stivala et vs George Pace, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 6 ta' Ottubru, 2000)."

Il-Qorti tqis illi r-rikors tal-appell sar mill-appellant għaliex dan tassew jemmen li saret inġustizzja manifesta miegħu bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravju sollevat mill-appellant, għaliex temmen li ma tistax issir ġustizzja mingħajr ma tingħata konsiderazzjoni mill-ġdid ta' dawk il-partijiet mid-deċiżjoni appellata li l-appellant jgħid li jħossu aggravat minnhom.

42. Il-Qorti tirrileva li l-uniku aggravju sollevat mill-appellant huwa li mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti kellu jirriżulta li kien hemm għadd ta' xhieda li ma qalux il-verità, jew li l-verżjoni mogħtija minnhom ma kellhiex titqies li hija kredibbli, u għalhekk huwa kellu jingħata raġun fil-pretensjonijiet tiegħu u mhux l-appellat. Din l-asserzjoni tagħmel ix-xogħol ta' din il-Qorti ferm aktar oneruż, għaliex hija ma kellhiex l-opportunità li tisma' lix-xhieda li ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex teżamina l-komportament tagħhom u tiddeċiedi jekk dak li qalu huwiex kredibbli jew le. L-appellant jibda billi jgħid li mill-provi kellu jirriżulta li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' sħubija fin-negozju tal-ġarr ta' turisti bid-dgħajjes, u l-ftehim li l-partijiet kellhom

bejniethom kien jistipula li filwaqt li l-appellant kellu jieħu 60% tal-qligħ, l-appellat kellu jieħu 40% fl-ewwel sena tal-operat tan-negozju, filwaqt li fit-tieni sena l-qligħ kellu jinqasam nofs bin-nofs. L-appellant qal li l-appellat kien qal li l-partijiet kienu jaqsmu bejniethom kemm il-profitti kif ukoll l-ispejjeż, u li pretensjoni ewlenija tal-appellat kienet sabiex jitħallas għal xi affarijiet u spejjeż li huwa kien għamel sabiex jiġi arredat il-*bar* li l-partijiet kienu jiġġestixxu bejniethom ġewwa San Ġiljan. Qal li din il-parti tax-xhieda tal-appellat mhijiex veritiera għaliex f'dan il-*bar* il-partijiet ma kellhom l-ebda *air condition* kif allegat, u għalhekk din il-parti tax-xhieda tal-appellat, u l-konsegwenti pretensjoni tiegħu fir-rigward, ma kellhomx jintlaqgħu mill-Ewwel Qorti.

43. Il-Qorti tirrileva li sa mill-bidu tal-proċeduri bejn il-partijiet, ġie spjegat li oriġinarjament il-partijiet kienu sħab f'negozju bid-dgħajjes li kienu jġorru t-turisti bejn San Ġiljan u Kemmuna, iżda li fit-tieni sena tas-sħubija tagħhom huma fetħu wkoll *bar* ġewwa San Ġiljan. L-appellat għamilha ċara li l-pretensjonijiet imressqa minnu f'dawn il-proċeduri huma limitati għall-ispejjeż li huwa għamel rigward l-arredament ta' dan il-*bar,* u l-konteġġi fir-rigward ta' dawn l-ispejjeż ġew stabbiliti wara laqgħa li saret bejn il-partijiet fil-preżenza tal-*accountant* tagħhom. Din il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-appellat ibbaża l-pretensjonijiet tiegħu fuq dokument iffirmat mill-partijiet fil-preżenza tal-*accountant,* l-ewwel darba li l-appellant beda jivvanta pretensjonijiet ta' kreditu li allegatament għandu jirċievi mingħand l-appellat, kien wara li l-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri kontrih, meta mar-risposta tiegħu huwa għamel kontro-talba bil-pretensjoni tiegħu għall-ħlas ta' €15,000, li jgħid li huma dovuti lilu. Huwa ferm diffiċli f'dan l-istadju li l-Qorti tiddetermina jekk huwiex minnu

li fis-sena 2013, fil-*bar* in kwistjoni kienx hemm *air condition* jew le, iżda ċertament li quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn hija l-kredibbilità tax-xhieda u tal-provi prodotti li tiddetermina min mill-partijiet għandu jingħata raġun jew le f'kawża. Din il-Qorti tqis li l-appellant naqas milli jġib provi li jxejnu l-pretensjonijiet tal-appellat, bħal ma kienu jkunu xi ritratti tal-fond, jew xhieda ta' persuni li kienu jiffrekwentaw dan il-*bar,* sabiex jipprova li l-pretensjonijiet tal-appellat mhumiex veritieri jew humiex esaġerati. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen li *bar* li beda jopera proprju fil-ġimgħa tal-festa ta' San Ġiljan, fl-eqqel tax-xhur tas-sajf, ma kienx mgħammar b'arja kundizzjonata. Fi kwalunkwe każ, il-pretensjoni tal-appellat mhijiex kontradetta minn provi oġġettivi, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward ma kinitx waħda raġonevoli. Di più, il-Qorti tirrileva wkoll li mid-dokument esebit f'fol. 30 tal-proċess, ma jidhirx li l-appellat qiegħed jippretendi ħlas għal xi *air conditioning unit* fl-elenku tal-oġġetti li qiegħed jippretendi ħlas tagħhom.

44. L-appellant jgħid li kien l-appellat li ppreżentalu dokument u talbu jiffirmah, minkejja li bejn il-partijiet kien għad fadal xi pendenzi. Qal li minkejja l-preżentata ta' dan id-dokument esebit f'fol. 30 tal-proċess, l-Ewwel Qorti għażlet li tinjora l-fatt li fuq dan id-dokument kien hemm indikat li kien għad fadal xi pendenzi, immarkati bħala '*to discuss',* bħal ma hija l-pretensjoni tal-appellant fir-rigward tal-*bucket seat* li ħadem ħuh, u l-pendenza tal-kera tal-garaxx li l-partijiet kellhom ġewwa Ħaż-Żebbuġ. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas mill-kalkoli tagħha almenu l-ispejjeż relatati ma' dawn iż-żewġ oġġetti.

45. Il-Qorti kkonsidrat is-sottomissjonijiet tal-appellant f'dan ir-rigward, imma tirrileva li d-dokument ippreżentat mill-appellat jibqa' dokument li ġie ffirmat mill-partijiet fil-preżenza tal-persuna li kienet tieħu ħsieb iżżommilhom il-kotba. Jibqa' l-fatt ukoll li minkejja kollox, l-appellant ma ħa l-ebda passi u ma ħa l-ebda azzjoni sabiex jipprova jirrexxindi dan il-ftehim, u li kien biss wara li nfetħu dawn il-proċeduri mill-appellat li l-appellant beda jivvanta pretensjonijiet ta' flus li għandu jiġbor, inkluż tal-*bucket seats* u tal-kera tal-garaxx ta' Ħaż-Żebbuġ. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn qalet li l-vinkolu kuntrattwali espress fil-kitba għandu jiġi rispettat, skont il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda,* u meta l-partijiet għażlu li jinkorporaw il-ftehim ta' bejniethom f'kitba, il-konklużjoni loġika ta' dan hija li huma inkorporaw f'dan id-dokument dak kollu li kienu ftiehmu dwaru.

46. L-appellant qal li huwa kellu jedd jirċievi parti mill-profitti mill-bejgħ tal-ġelati li kien isir mid-dgħajsa tal-appellat. Xhud li tressaq quddiem l-Ewwel Qorti in rappreżentanza tal-aġent li kien iforni l-ġelati lill-appellat, qal li fis-sena 2013 kien hemm bejgħ ta' ġelati fl-ammont ta' €8,389. Naturalment dan l-ammont ma jirrappreżentax il-qligħ li sar mill-appellat, iżda l-volum ta' bejgħ li kien hemm. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ma kellhiex temmen lill-appellat, li qal li l-bejgħ tal-ġelati ma kellux jifforma parti min-negozju li l-partijiet kellhom bejniethom, u qal li skont il-ftehim li kellhom, wara li jħallsu l-ispejjeż huma kellhom jaqsmu l-ispejjeż nofs bin-nofs. Hawn ukoll il-Qorti tinsab rinfaċċjata minn provi skarsi u minn xhieda li qajla titfa' dawl fuq dak li verament ġie pattwit bejn il-partijiet. F'diversi partijiet tax-xhieda li ngħatat intqal li l-partijiet kienu involuti f'żewġ negozji separati fis-sentejn li huma kellhom bejniethom ftehim

ta' sħubija, jiġifieri l-ġarr tat-turisti bid-dgħajjes bejn San Ġiljan u Kemmuna, u l-bar. Madanakollu mill-provi ma rriżultax li l-ftehim kien jirregola wkoll attivitajiet anċillari li setgħu jitmexxew minn fuq id-dgħajjes, bħall-bejgħ ta' ġelati u xorb, u x'kellu jsir bil-profitti li kull wieħed mill-partijiet seta' jiġġenera minn din l-attività. Ir-rappreżentant tal-aġent tal-ġelati qal li l-fornitura tal-ġelati kienet issir lill-kumpannija li l-appellat kien direttur tagħha, u għalhekk anki hawn huwa ferm diffiċli għall-Qorti li tasal għal xi konklużjoni diversa minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Dejjem jibqa' l-fatt li dawn il-pretensjonijiet u allegazzjonijiet da parti tal-appellant, tqajmu biss wara li l-appellat fetaħ il-proċeduri odjerni, u mill-provi ma jirriżultax li qabel huwa qatt ressaq xi pretensjoni għall-ħlas. Għalhekk huwa ferm diffiċli għall-Qorti li tasal biex tilqa' din is-sottomissjoni tal-appellant, partikolarment meta m'hemm l-ebda prova li turi li l-qligħ mill-bejgħ tal-ġelati kellu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

47. L-appellant jagħmel riferiment ukoll għall-i*sponsorship* tax-xarba Go and Fun, u jgħid li huwa kellu jieħu sehem mill-flus li l-appellat kien jirċievi għal dawn ir-reklami. Qal li l-Ewwel Qorti ma kellhiex temmen lill-appellat meta dan qal li l-flus tal-i*sponsorship* ma kellhomx jidħlu fil-ftehim ta' sħubija li l-partijiet kellhom bejniethom. Din il-Qorti kkonsidrat ix-xhieda ta' Sergio Sciberras, l-aġent tad-ditta Go and Fun Limited, li qal li l-*isponsorship* kien limitat għar-reklami fuq id-dgħajsa tal-appellat, u bħala kumpens huwa kien jgħaddi ammont ta' prodotti tax-xorb sabiex l-appellat ikun jista' jagħtihom lill-passiġġieri li jtella' fuq id-dgħajsa. Dan ix-xhud qal ukoll li meta l-appellat ippretenda ħlas fi flus għal dawn ir-reklami, huwa għażel li ma jibqax bl-i*sponsorship* li kellu. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellat irċieva xi flus għal

dawn ir-reklami, u għalhekk anki hawn il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni diversa minn dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Mill-provi ma jirriżultax li l-appellant ittenta jattira xi *sponsor* għad-dgħajjes tiegħu, u huwa qiegħed jivvanta pretensjoni ta' ħlas għal dawn ir-reklami, meta mill-provi ma jirriżultax li għal dawn ir-reklami għaddew xi flus bejn l-appellat u l-kumpannija Go and Fun. F'dan l-istadju mhux suffiċjenti għall-appellant li jgħid li ma jagħmilx sens il-ftehim li permezz tiegħu l-appellat kien jingħata ammont ta' prodotti tax-xorb għall-passiġġieri u mhux flus, jew li x-xhieda tal-appellat u ta' Sergio Sciberras f'dan ir-rigward tammonta biss għal 'gideb'. Huwa minnu li l-appellat fix-xhieda tiegħu ta l-impressjoni li kien hemm flus li għaddew għar-reklami tal-kumpannija Go and Fun, iżda fin-nuqqas ta' prova li kien hemm xi ftehim f'dan is-sens, huwa diffiċli li wieħed jasal għall-konklużjoni li bejn il-partijiet għaddew xi flus għal dawn ir-reklami. Jista' jkun li l-appellat kien ibiegħ ix-xorb li kien jingħata minflok iqassamhom b'xejn, u għalhekk dan il-bejgħ kien jiġġenera qligħ ta' flus għall-appellat, iżda fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar x'kien tassew qed jiġri, il-Qorti ma tistax tislet ebda konklużjoni min-naħa tagħha. Għal darb'oħra jiġi rilevat li dawn il-pretensjonijiet tal-appellant tqajmu biss wara li ġew ippreżentati dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu.

48. L-appellant allega wkoll li mill-kont bankarju konġunt li l-partijiet kellhom bejniethom ma' HSBC Bank (Malta) plc, f'ġurnata partikolari kienet inġibdet mill-appellat is-somma ta' €15,000. Il-Qorti kkonsidrat il-provi ppreżentati f'dan ir-rigward, jiġifieri l-*istatements* bankarji, minn fejn ma jirriżultax min kien li ġibed dawn il-flejjes, jew inkella jekk kienx inħareġ xi *cheque* bil-firem taż-żewġ partijiet fuqu. Dan kollu li qiegħed jingħad mill-appellant għalhekk jibqa' biss

allegazzjoni mhux ippruvata, partikolarment meta jirriżulta li l-kotba ta’ dan in-negozju kienu jinżammu minn *accountant* li ffinalizza l-konteġġi bejn il-partijiet u li meta xehed, imkien ma indika li kien hemm xi attività mhux flokha fil-mod kif kienu jinżamm l-kont bankarju ta’ dan in-negozju.

49. Fir-rigward tal-paga dovuta lill-impjegat Ryan Micallef, l-appellant allega li dan ma kienx qiegħed jirċievi l-ħlas kollu li kellu jingħatalu, bid-differenza li kienet tinżamm mill-appellat. Fix-xhieda tiegħu l-appellant kien allega li Micallef kien infurmah li ma kienx fi ħsiebu jirrapporta aktar għax-xogħol fuq id-dgħajjes għaliex ma kienx qiegħed jirċievi l-ħlas imwiegħed lilu. Iżda meta xehed Micallef, dan ma kkonferma xejn minn dan, u meta ġie mitlub jipprovdi d-dettalji dwar ir-rata tal-ħlas u dettalji oħra rigward l-impjieg tiegħu, dan m’għaraf jagħti ebda dettalji ta’ xejn. Il-Qorti tqis għalhekk li mhijiex veritiera l-allegazzjoni tal-appellant li dan l-impjegat safa ingannat mill-appellat, għaliex xi ħaġa bħal din l-impjegat x’aktarx li kien jiftakarha. L-appellant jipprova jinterpreta x’seta’ ġara, u jgħid li dan ix-xhud ma kienx onest. Ma jistax ikun iżda li kull persuna li ntalbet tixhed u tikkorrobora l-allegazzjonijiet magħmula mill-appellant, gidbet, jew ma kinitx onesta, jew kienet miftiehma mal-appellat, filwaqt li huwa biss l-appellant li għandu jitqies bħala kredibbli mill-Qorti, u għalhekk dak li qal l-appellant f’dan ir-rigward mhuwiex qed jiġi aċċettat bħala veru.

50. L-appellant għamel riferiment għal dik il-parti tax-xhieda mogħtija minn missieru Anthony Muscat fejn qal li hu jaf li ibnu għandu jirċievi €15,000 mingħand l-appellat. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, dan xehed li huwa qatt ma ħadem jew kien involut fin-negozju tal-partijiet, u li huwa kien sar

jaf li l-appellat allegatament għandu jagħti €15,000 lil ibnu għaliex dan kien qalulu ibnu stess. Din ċertament mhijiex it-tip ta' prova oġġettiva li l-Qorti tesiġi li għandha titressaq sabiex tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

51. L-appellant semma l-*bucket seats* li ħadem fuqhom ħuh, u għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn ħuh f'dan ir-rigward. Qal li l-Ewwel Qorti, minkejja li rrikonoxxiet li dawn il-*bucket seats* kienu indikati fil-lista tal-konteġġi li saru, u ħdejn *bucket seats* kien hemm il-kelmiet *to discuss,* kienet ikkonkludiet li l-kreditu pretiż mill-appellant f'dan ir-rigward ma ġiex sodisfaċentement ippruvat. L-appellant qal li huwa ressaq l-aħjar prova, jiġifieri l-persuna li għamlet ix-xogħol, li spjega li huwa kellu jirċievi €800 għall-materjal u €2,000 għax-xogħol tiegħu. Il-Qorti tqis illi bejn ix-xhieda ta' ħu l-appellant, u provi oġġettivi bħal ma huwa l-fatt li d-dokument bil-konteġġi ta' dak dovut mill-appellant kien iffirmat mill-partijiet fil-preżenza tal-*accountant* tagħhom, hija l-prova dokumentarja li għandha tipprevali. Għal darb'oħra jiġi rilevat ukoll li qabel ġew istitwiti dawn il-proċeduri, l-appellant jew ħuh ma ressqu ebda forma ta' pretensjoni ta' xi ħlas dovut lilhom f'dan ir-rigward.

52. Finalment l-appellant għamel riferiment għax-xhieda ta' Julian Muscat, u qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti emmnet il-verżjoni mogħtija mill-appellat, filwaqt li warrbet ix-xhieda tal-*accountant* tal-partijiet. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn Muscat, li qal li wara li l-partijiet iffirmaw il-ftehim id-dokument esebit mill-appellat in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu ("Dok. A"), kien għad fadal xi pendenzi bejn il-partijiet, fosthom fir-rigward tal-paga ta' wieħed mill-impjegati, ir-riklami li kienu jidhru

fuq id-dgħajsa tal-appellat u l-bejgħ tal-ġelati. Dan ix-xhud qal li qabel ma l-appellant ikun kostrett iħallas dak dovut minnu, kien għad irid jintlaħaq qbil bejn il-partijiet dwar il-pendenzi li kien fadal bejniethom. Il-Qorti tirrileva li minkejja dak li qiegħed jallega l-appellant, fid-dokument esebit f'fol. 30 tal-proċess, hemm indikat bil-kitba li l-ammont ta' €9,400 li għandu jitħallas mill-appellant, huwa l-ammont finali li kien hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, u dan id-dokument ġie iffirmat mill-partijiet fil-preżenza tal-*accountant* tagħhom. Għaldaqstant dak kollu allegat mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu ma jinsabx korroborat mill-provi dokumentarji, mix-xhieda mogħtija u mis-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**